EBA/GL/2018/02

19 ta' Lulju 2018

# Linji gwida

# dwar il-ġestjoni tar-riskju taċ-ċaqliq fir-rata tal-imgħax li jirriżulta minn attivitajiet li mhumiex parti mill-portafoll tan-negozjar

# Abbrevjazzjonijiet

| | |
|---|---|
| **ALCO** | kumitat għall-ġestjoni tal-attiv u l-passiv |
| **ALM** | ġestjoni tal-attiv u l-passiv |
| **BCBS** | Kumitat ta' Basel dwar is-Superviżjoni Bankarja |
| **BSG** | Grupp tal-Partijiet Bankarji Interessati |
| **CET1** | Grad 1 ta' Ekwità Komuni |
| **CSRBB** | riskju ta' firxiet tal-kreditu li jirriżulta minn attivitajiet li mhumiex parti mill-portafoll tan-negozjar |
| **CRD** | Direttiva dwar ir-Rekwiżiti ta' Kapital (Direttiva 2013/36/UE) |
| **CRR** | Regolament dwar ir-Rekwiżiti ta' Kapital (Regolament (UE) Nru 575/2013) |
| **EBA** | Awtorità Bankarja Ewropea |
| **EaR** | qligħ f'riskju |
| **EV** | valur ekonomiku |
| **EVaR** | valur ekonomiku f'riskju |
| **EVE** | valur ekonomiku tal-ekwità |
| **FVOCI** | valur ġust permezz ta' introjtu komprensiv ieħor |
| **ICAAP** | Proċess ta' Valutazzjoni Interna dwar l-Adegwatezza tal-Kapital |
| **IFRS 9** | Standard Internazzjonali tar-Rappurtar Finanzjarju 9 – Strumenti finanzjarji |
| **IMS** | sistema ta' kejl interna |
| **IR** | rata tal-imgħax |
| **IRRBB** | riskju taċ-ċaqliq fir-rata tal-imgħax li jirriżulta mill-portafoll bankarju (li fis-CRD jissejjaħ riskju taċ-ċaqliq fir-rata tal-imgħax li jirriżulta minn attivitajiet li mhumiex parti mill-portafoll tan-negozjar) |
| **IT** | teknoloġija tal-informazzjoni |
| **MIS** | sistema ta' informazzjoni maniġerjali |
| **NII** | introjtu mill-imgħax nett |
| **NMD** | depożitu mingħajr maturità |
| **NPE** | skopertura improduttiva |
| **P&L** | profitt u telf |
| **QIS** | studju tal-impatt kwantitattiv |
| **SREP** | proċess ta' reviżjoni u evalwazzjoni superviżorji |

# 1. Obbligi ta' konformità u ta' rappurtar

## Status ta' dawn il-linji gwida

1. Dan id-dokument jinkludi linji gwida maħruġa skont l-Artikolu 16 tar-Regolament (UE) Nru 1093/2010 [1]. F'konformità mal-Artikolu 16(3) tar-Regolament (UE) Nru 1093/2010, l-awtoritajiet kompetenti u l-istituzzjonijiet finanzjarji jridu jagħmlu kull sforz biex jikkonformaw mal-linji gwida.

2. Il-linji gwida jistabbilixxu l-fehma tal-EBA dwar prattiki superviżorji xierqa fis-Sistema Ewropea ta' Superviżjoni Finanzjarja jew dwar kif il-liġi tal-Unjoni għandha tiġi applikata f'qasam partikolari. L-awtoritajiet kompetenti, kif iddefiniti fl-Artikolu 4(2) tar-Regolament (UE) Nru 1093/2010, li għalihom japplikaw il-linji gwida, għandhom jikkonformaw billi jinkorporawhom fil-prattiki tagħhom kif xieraq (eż. billi jemendaw il-qafas legali tagħhom jew il-proċessi superviżorji tagħhom), inkluż fejn il-linji gwida huma indirizzati primarjament lejn l-istituzzjonijiet.

## Rekwiżiti ta' rappurtar

3. Skont l-Artikolu 16(3) tar-Regolament (UE) Nru 1093/2010, l-awtoritajiet kompetenti jridu jinnotifikaw lill-EBA, sa (jj.xx.ssss), dwar jekk huma jikkonformawx jew jekk humiex biħsiebhom jikkonformaw ma' dawn il-linji gwida, jew inkella jagħtu r-raġunijiet tagħhom għan-nuqqas ta' konformità. Fin-nuqqas ta' kwalunkwe notifika qabel din l-iskadenza, l-awtoritajiet kompetenti jitqiesu bħala mhux konformi mill-EBA. In-notifiki għandhom jintbagħtu billi l-formola disponibbli fuq is-sit web tal-EBA tintbagħat fuq compliance@eba.europa.eu bir-referenza "EBA/GL/2018/xx". In-notifiki għandhom jintbagħtu minn persuni b'awtorità xierqa li jirrappurtaw il-konformità f'isem l-awtoritajiet kompetenti tagħhom. Kwalunkwe bidla fl-istatus tal-konformità għandha tiġi rrappurtata wkoll lill-EBA.

4. In-notifiki ser jiġu ppubblikati fuq is-sit web tal-EBA, f'konformità mal-Artikolu 16(3).

[1] Regolament (UE) Nru 1093/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Novembru 2010 li jistabbilixxi Awtorità Superviżorja Ewropea (Awtorità Bankarja Ewropea) u li jemenda d-Deċiżjoni Nru 716/2009/KE u jħassar id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2009/78/KE (ĠU L 331, 15.12.2010, p. 12).

# 2. Suġġett, kamp ta' applikazzjoni u definizzjonijiet

## Suġġett u kamp ta' applikazzjoni

5. Dawn il-linji gwida jispeċifikaw:

(a) is-sistemi li jridu jiġu implimentati minn istituzzjonijiet għall-identifikazzjoni, l-evalwazzjoni u l-ġestjoni tar-riskju taċ-ċaqliq fir-rata tal-imgħax li jirriżulta mill-attivitajiet li mhumiex parti mill-portafoll tan-negozjar, li jissejjaħ ukoll riskju taċ-ċaqliq fir-rata tal-imgħax li jirriżulta mill-portafoll bankarju (IRRBB), imsemmi fl-Artikolu 84 tad-Direttiva 2013/36/UE;

(b) l-arranġamenti interni ta' governanza tal-istituzzjonijiet fir-rigward tal-ġestjoni tal-IRRBB;

(c) bidliet f'daqqa u mhux mistennija fir-rati tal-imgħax għall-finijiet tar-rieżami u l-evalwazzjoni mwettqa mill-awtoritajiet kompetenti, skont l-Artikolu 98(5) tad-Direttiva 2013/36/UE;

(d) aspettattivi ġenerali għall-identifikazzjoni u l-ġestjoni tar-riskju ta' firxiet tal-kreditu fil-portafoll mhux tan-negozjar (CSRBB).

## Destinatarji

6. Dawn il-linji gwida huma indirizzati lejn l-awtoritajiet kompetenti msemmija fil-punt (i) tal-Artikolu 4(2) tar-Regolament (UE) Nru 1093/2010, kif ukoll lejn l-istituzzjonijiet finanzjarji msemmija fl-Artikolu 4(1) ta' dak ir-regolament li huma wkoll istituzzjonijiet f'konformità mal-punt 3 tal-Artikolu 4(1) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013.

## Definizzjonijiet

7. Sakemm ma jkunx speċifikat mod ieħor, it-termini użati u definiti fid-Direttiva 2013/36/UE[2] u fir-Regolament (UE) Nru 575/2013[3] għandhom l-istess tifsira fil-linji gwida. Barra minn hekk, għall-finijiet ta' dawn il-linji gwida, japplikaw id-definizzjonijiet li ġejjin:

[2] Direttiva 2013/36/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Ġunju 2013 dwar l-aċċess għall-attività tal-istituzzjonijiet ta' kreditu u s-superviżjoni prudenzjali tal-istituzzjonijiet ta' kreditu u tad-ditti tal-investiment, li temenda d-Direttiva 2002/87/KE u li tħassar id-Direttivi 2006/48/KE u 2006/49/KE (1) - ĠU L 176, 27.6.2013.

[3] Regolament (UE) Nru 575/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Ġunju 2013 dwar ir-rekwiżiti prudenzjali għall-istituzzjonijiet ta' kreditu u d-ditti tal-investiment u li jemenda r-Regolament (UE) Nru 648/2012 – ĠU L 176, 27.6.2013.

| | |
|---|---|
| Riskju taċ-ċaqliq fir-rata tal-imgħax li jirriżulta minn attivitajiet li mhumiex parti mill-portafoll tan-negozjar | Ir-riskju attwali jew prospettiv kemm għall-qligħ kif ukoll għall-valur ekonomiku ta' istituzzjoni li jirriżulta minn caqliq avvers fir-rati tal-imgħax li jaffettwa strumenti sensittivi għar-rati tal-imgħax, inklużi r-riskju ta' diskrepanza, ir-riskju ta' bażi u r-riskju tal-opzjonijiet. |
| Strumenti sensittivi għar-rati tal-imgħax | Assi, obbligazzjonijiet u entrati li ma jidhrux fil-karta tal-bilanċ fil-portafoll mhux tan-negozjar, minbarra assi mnaqqsa mill-kapital tas-CET1, eż. proprjetà immobbli jew assi intanġibbli jew skoperturi tal-ekwità fil-portafoll mhux tan-negozjar. |
| Riskju ta' diskrepanza | Riskju li jirriżulta mill-istruttura tat-terminu ta' strumenti sensittivi għar-rati tal-imgħax li jiġi kkawżat minn differenzi fit-twaqqit tal-bidliet fir-rata tagħhom, li jkopri bidliet għall-istruttura tat-terminu ta' rati tal-imgħax li jseħħu konsistentement madwar il-kurva tar-rendiment (riskju parallel) jew inkella differenzjalment skont il-perjodu (riskju mhux parallel). |
| Riskju ta' bażi | Riskju li jirriżulta mill-impatt ta' bidliet relattivi fir-rati tal-imgħax fuq strumenti sensittivi għar-rati tal-imgħax li jkollhom perjodi ta' maturità differenti iżda li jkunu pprezzati bl-użu ta' indiċijiet differenti tar-rati tal-imgħax. Ir-riskju ta' bażi jirriżulta mill-korrelazzjoni imperfetta fl-aġġustament tar-rati gwadanjati u mħallsa fuq strumenti differenti sensittivi għar-rati tal-imgħax b'karatteristiki tal-bidla fir-rata li f'modi oħra huma simili. |
| Riskju tal-opzjonijiet | Riskju li jirriżulta mill-opzjonijiet (inkorporati u espliċiti), fejn l-istituzzjoni jew il-klijent tagħha jistgħu jibdlu l-livell u t-twaqqit tal-flussi tal-flus tagħhom, jiġifieri r-riskju li jirriżulta minn strumenti sensittivi għar-rati tal-imgħax fejn id-detentur kważi żgur jeżerċita l-opzjoni jekk din tkun fl-interess finanzjarju tiegħu (opzjonijiet awtomatiċi inkorporati jew espliċiti) u r-riskju li jirriżulta minn flessibbiltà inkorporata b'mod impliċitu jew fi ħdan it-termini ta' strumenti sensittivi għar-rati tal-imgħax, b'tali mod li bidliet fir-rati tal-imgħax jistgħu jeffettwaw bidla fl-imġiba tal-klijent (riskju inkorporat tal-opzjoni komportamentali). |
| Riskju ta' firxiet tal-kreditu li jirriżulta minn attivitajiet li mhumiex parti mill-portafoll tan-negozjar (CSRBB) | Ir-riskju xprunat minn bidliet fil-perċezzjoni tas-suq dwar il-prezz tar-riskju ta' kreditu, il-primjum tal-likwidità u l-potenzjal li komponenti oħra ta' strumenti riskjużi għall- |

| | |
|---|---|
| | kreditu jikkawżaw fluttwazzjonijiet fil-prezz tar-riskju ta' kreditu, fil-primjum tal-likwidità u f'komponenti potenzjali oħra, li mhuwiex spjegat mill-IRRBB jew minn riskju ta' kreditu/ta' inadempjenza. |
| Kejl tal-qligħ | Kejl tal-bidliet fil-profittabbiltà mistennija fil-futur fi ħdan medda ta' żmien li jirriżultaw minn ċaqliq fir-rati tal-imgħax. |
| Kejl tal-valur ekonomiku (EV) | Kejl tal-bidliet fil-valur nett preżenti tal-istrumenti sensittivi għar-rati tal-imgħax matul il-ħajja li jifdlilhom li jirriżultaw minn ċaqliq fir-rati tal-imgħax. Il-kejl tal-EV jirrifletti bidliet fil-valur fuq il-ħajja li jifdal tal-istrumenti sensittivi għar-rati tal-imgħax, jiġifieri sakemm il-pożizzjonijiet kollha jkunu ġew likwidati. |
| Kejl tal-valur ekonomiku tal-ekwità (EVE) | Forma speċifika ta' kejl tal-EV fejn l-ekwità hija esklużа mill-flussi tal-flus. |
| Immudellar kundizzjonali tal-fluss tal-flus | L-immudellar tal-fluss tal-flus skont is-suppożizzjoni li t-twaqqit u l-ammont ta' flussi tal-flus jiddependu mix-xenarju speċifiku tar-rata tal-imgħax. |
| Immudellar mhux kundizzjonali tal-fluss tal-flus | L-immudellar tal-fluss tal-flus skont is-suppożizzjoni li t-twaqqit u l-ammont ta' flussi tal-flus ma jiddependux mix-xenarju speċifiku tar-rata tal-imgħax. |
| Karta tal-bilanċ "run-off" | Karta tal-bilanċ fejn il-pożizzjonijiet fil-portafoll mhux tan-negozjar jiġu amortizzati u ma jiġux sostitwiti minn negozju ġdid. |
| Karta tal-bilanċ dinamika | Karta tal-bilanċ li tinkorpora aspettattivi tan-negozju fil-futur, aġġustati għax-xenarju rilevanti b'mod konsistenti. |
| Karta tal-bilanċ kostanti | Karta tal-bilanċ li tinkludi entrati li ma jidhrux fil-karta tal-bilanċ li fiha d-daqs u l-komponenti totali jinżammu billi l-flussi tal-flus tal-maturità u tal-ipprezzar mill-ġdid jiġu ssostitwiti bi flussi tal-flus ġodda li jkollhom karatteristiki identiċi rigward l-ammont, il-perjodu tal-ipprezzar mill-ġdid u l-komponenti tal-firxa. |

# 3. Implimentazzjoni

## Data ta' applikazzjoni

8. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jiżguraw li l-istituzzjonijiet kollha japplikaw dawn il-linji gwida mit-30 ta' Ġunju 2019 u li jirriflettu l-linji gwida fiċ-ċiklu tal-ICAAP tal-2019, jiġifieri rapporti tal-ICAAP ippreżentati fl-2020, ibbażati fuq id-data fi tmiem l-2019, għandhom jieħdu kont ta' dawn il-linji gwida.

## Dispożizzjonijiet tranżizzjonali

9. Dawn id-dispożizzjonijiet speċifiċi tal-linji gwida huma soġġetti għall-arranġamenti tranżizzjonali li ġejjin:

   (a) Għall-istituzzjonijiet li jaqgħu taħt il-kategoriji 3 u 4 tas-SREP kif stipulat fil-*Linji gwida dwar il-proċeduri u l-metodoloġiji komuni riveduti għall-proċess ta' reviżjoni u evalwazzjoni superviżorji u għall-ittestjar tal-istress superviżorju* tal-EBA (Linji gwida dwar is-SREP)[4], il-paragrafu 18 se japplika mill-31 ta' Diċembru 2019 [*sitt xhur wara d-data ta' applikazzjoni tal-linji gwida*].

   (b) Għall-istituzzjonijiet li jaqgħu taħt il-Kategoriji 3 u 4 tas-SREP, il-paragrafu 114 se japplika mill-31 ta' Diċembru 2019 [*sitt xhur wara d-data ta' applikazzjoni tal-linji gwida*].

## Tħassir

10. Il-linji gwida li ġejjin huma mħassra b'effett mit-30 ta' Ġunju 2019: Linji gwida dwar il-ġestjoni tar-riskju taċ-ċaqliq fir-rata tal-imgħax li jirriżulta minn attivitajiet li mhumiex parti mill-portafoll tan-negozjar (EBA/GL/2015/08)[5].

[4] EBA/GL/2014/13. Disponibbli online fuq: http://www.eba.europa.eu/regulation-and-policy/supervisory-review-and-evaluation-srep-and-pillar-2/guidelines-for-common-procedures-and-methodologies-for-the-supervisory-review-and-evaluation-process-srep-

[5] Disponibbli online fuq: http://www.eba.europa.eu/regulation-and-policy/supervisory-review-and-evaluation-srep-and-pillar-2/guidelines-on-technical-aspects-of-the-management-of-interest-rate-risk-arising-from-non-trading-activities.

# 4. Linji gwida dwar il-ġestjoni tar-riskju taċ-ċaqliq fir-rata tal-imgħax li jirriżulta minn attivitajiet li mhumiex parti mill-portafoll tan-negozjar

## 4.1 Dispożizzjonijiet ġenerali

11. L-istituzzjonijiet għandhom jittrattaw l-IRRBB bħala riskju importanti u dejjem jivvalutawh b'mod espliċitu u komprensiv fil-proċessi tagħhom ta' ġestjoni tar-riskju u tal-valutazzjoni interna tal-kapital. Approċċ differenti għandu jiġi ddokumentat bis-sħiħ u jiġi ġġustifikat matul id-djalogu superviżorju.

12. L-istituzzjonijiet għandhom jidentifikaw l-iskoperturi tagħhom għall-IRRBB u jiżguraw li l-IRRBB jitkejjel, jiġi mmonitorjat u kkontrollat b'mod adegwat.

13. L-istituzzjonijiet għandhom jiġġestixxu u jimmitigaw ir-riskji li jirriżultaw mill-iskoperturi tagħhom għall-IRRBB li jaffettwaw kemm il-qligħ kif ukoll il-valur ekonomiku tagħhom.

14. Meta jikkalkulaw l-impatt taċ-ċaqliq fir-rati tal-imgħax fil-perspettiva tal-qligħ, l-istituzzjonijiet ma għandhomx iqisu biss l-effetti fuq l-introjtu u l-ispejjeż relatati mal-imgħax, iżda wkoll l-effetti fuq il-bidliet fil-valur tal-istrumenti fis-suq li — skont it-trattament kontabilistiku — jintwerew jew fir-rapport tal-introjtu jew inkella direttament fl-ekwità (eż. permezz ta' introjtu komprensiv ieħor). L-istituzzjonijiet għandhom jieħdu inkunsiderazzjoni ż-żieda jew it-tnaqqis fil-qligħ u fil-kapital matul orizzonti qosra u medji li jirriżultaw miċ-ċaqliq fir-rati tal-imgħax.

15. Il-bidla fil-qligħ għandha tkun id-differenza bejn il-qligħ mistenni taħt xenarju bażi u l-qligħ mistenni taħt xenarju ta' xokk jew ta' stress alternattiv u aktar avvers, minn perspettiva ta' negozju avvjat.

16. L-istituzzjonijiet għandhom iqisu skoperturi improduttivi[6] (bl-esklużjoni tad-dispożizzjonijiet) bħala strumenti sensittivi għar-rati tal-imgħax li jirriflettu l-flussi tal-flus mistennija u t-twaqqit tagħhom.

17. L-istituzzjonijiet għandhom iqisu d-derivattivi tar-rati tal-imgħax, kif ukoll entrati li ma jidhrux fil-karta tal-bilanċ bħal impenji ta' self sensittivi għar-rati tal-imgħax, bħala strumenti sensittivi għar-rati tal-imgħax.

[6] Skoperturi improduttivi kif definiti fl-Anness V tar-Regolament (UE) 680/2014.

18. L-istituzzjonijiet għandhom jimmonitorjaw u jivvalutaw l-iskoperturi tagħhom affettwati mis-CSRBB, b'referenza għan-naħa tal-assi tal-portafoll mhux tan-negozjar, fejn is-CSRBB huwa rilevanti għall-profil tar-riskju tal-istituzzjoni.

19. Meta jimplimentaw il-linji gwida, l-istituzzjonijiet għandhom jidentifikaw l-iskopertura eżistenti u prospettiva tagħhom għall-IRRBB b'mod proporzjonali, skont il-livell, il-kumplessità u kemm ikunu riskjużi l-pożizzjonijiet fil-portafoll mhux tan-negozjar li huma jiffaċċaw, jew inkella profil tar-riskju dejjem jiżdied filwaqt li jieħdu inkunsiderazzjoni l-mudell kummerċjali tagħhom, l-istrateġiji tagħhom u l-ambjent tan-negozju li joperaw fih jew li biħsiebhom joperaw fih.

20. Abbażi tal-valutazzjoni tal-iskopertura eżistenti u prospettiva tagħhom għall-IRRBB, l-istituzzjonijiet għandhom jikkunsidraw elementi u aspettattivi stipulati f'din it-taqsima dwar l-identifikazzjoni, il-kalkolu u l-allokazzjoni tal-kapital (it-Taqsima 4.2), il-governanza (it-Taqsima 4.3) u l-kejl (it-Taqsima 4.4), u jimplimentawhom b'mod li jkun proporzjonali mal-iskopertura eżistenti u prospettiva għall-IRRBB.

21. Minbarra l-iskopertura eżistenti u prospettiva għall-IRRBB, meta jimplimentaw il-linji gwida, l-istituzzjonijiet għandhom iqisu wkoll il-livell ġenerali ta' sofistikazzjoni tagħhom u l-approċċi interni tagħhom għall-ġestjoni tar-riskju, biex jiżguraw li l-approċċi, il-proċessi u s-sistemi tagħhom għall-ġestjoni tal-IRRBB ikunu koerenti mal-approċċ ġenerali tagħhom għall-ġestjoni tar-riskju u mal-approċċi, il-proċessi u s-sistemi speċifiċi tagħhom implimentati għall-fini tal-ġestjoni ta' riskji oħra.

## 4.2 Identifikazzjoni, kalkolu u allokazzjoni tal-kapital

22. Meta jivvalutaw l-ammonti, it-tipi u d-distribuzzjonijiet tal-kapital intern skont l-Artikolu 73 tad-Direttiva 2013/36/UE, l-istituzzjonijiet għandhom jibbażaw il-kontribut tal-IRRBB għall-valutazzjoni globali tal-kapital intern fuq l-outputs tas-sistemi ta' kejl interni tal-istituzzjoni, filwaqt li jieħdu kont tas-suppożizzjonijiet ewlenin u tal-limiti tar-riskju. Il-livell globali ta' kapital għandu jkun proporzjonali kemm mal-livell reali mkejjel tar-riskju (inkluż għall-IRRBB) kif ukoll mal-predispożizzjoni tal-istituzzjoni għar-riskju, u għandu jiġi ddokumentat kif xieraq fir-rapport tagħha dwar il-Proċess ta' Valutazzjoni Interna dwar l-Adegwatezza tal-Kapital (rapport tal-ICAAP).

23. L-istituzzjonijiet għandhom juru li l-kapital intern tagħhom huwa proporzjonali mal-livell ta' IRRBB, fejn jieħdu kont tal-impatt fuq il-kapital intern ikkawżat minn bidliet potenzjali fil-valur ekonomiku u fil-qligħ futur tal-istituzzjoni li jirriżultaw minn bidliet fir-rati tal-imgħax. L-istituzzjonijiet mhumiex mistennija jagħmlu għadd doppju tal-kapital intern tagħhom għall-kejl tal-EV u tal-qligħ.

24. Fl-analiżi tal-ICAAP tagħhom tal-ammont ta' kapital intern meħtieġ għall-IRRBB, l-istituzzjonijiet għandhom iqisu:

(a) il-kapital intern miżmum għar-riskji għall-valur ekonomiku li jistgħu jirriżultaw minn ċaqliq avvers fir-rati tal-imgħax; u

(b) ir-ħtiġijiet ta' kapital intern li jirriżultaw mill-impatt ta' bidliet fir-rata fuq il-kapaċità ta' qligħ fil-futur, u l-implikazzjonijiet li jirriżultaw għal-livelli interni ta' kapital ta' lqugħ.

25. L-istituzzjonijiet ma għandhomx jiddependu biss mill-valutazzjonijiet superviżorji tal-adegwatezza tal-kapital għall-IRRBB jew mill-eżitu tat-test superviżorju tal-eċċezzjonijiet (ara t-Taqsima 4.5), iżda għandhom jiżviluppaw u jużaw il-metodoloġiji tagħhom stess għall-allokazzjoni tal-kapital, ibbażati fuq il-predispożizzjoni tagħhom għar-riskju, il-livell ta' riskju u l-politiki dwar il-ġestjoni tar-riskju. Meta jiddeterminaw il-livell xieraq ta' kapital, l-istituzzjonijiet għandhom iqisu kemm l-ammont kif ukoll il-kwalità tal-kapital meħtieġ.

26. Valutazzjonijiet tal-adegwatezza tal-kapital għandhom jieħdu inkunsiderazzjoni dan li ġej:

(a) id-daqs u l-perjodu ta' maturità tal-limiti interni fuq l-iskoperturi għall-IRRBB, u jekk dawn il-limiti jintlaħqux fil-punt tal-kalkolu tal-kapital;

(b) l-ispiża mistennija tal-iħħeġġjar ta' pożizzjonijiet miftuħa li huma intenzjonati li jieħdu vantaġġ mill-aspettattivi interni tal-livell futur tar-rati tal-imgħax;

(c) is-sensittività tal-miżuri interni tal-IRRBB għal suppożizzjonijiet tal-immudellar ewlenin jew imperfetti;

(d) l-impatt ta' xenarji ta' xokk u ta' stress fuq pożizzjonijiet ipprezzati b'indiċijiet differenti tar-rati tal-imgħax (riskju ta' bażi);

(e) l-impatt fuq il-valur ekonomiku u l-qligħ (inklużi l-effetti fuq il-portafoll ta' valur ġust permezz ta' introjtu komprensiv ieħor (FVOCI)) ikkawżat mill-ispariġġ bejn il-pożizzjonijiet f'muniti differenti;

(f) l-impatt tat-telf inkorporat u l-gwadanji inkorporati;

(g) id-distribuzzjoni tal-kapital relattiv għar-riskji fl-entitajiet ġuridiċi kollha inklużi fil-perimetru prudenzjali ta' konsolidazzjoni tal-grupp, minbarra l-adegwatezza tal-kapital kumplessiv fuq bażi konsolidata;

(h) il-motivaturi tar-riskju sottostanti; u

(i) iċ-ċirkustanzi li taħthom jista' jimmaterjalizza r-riskju.

27. L-eżiti tal-adegwatezza tal-kapital għall-IRRBB għandhom jitqiesu fl-ICAAP ta' istituzzjoni u għandhom jitqiesu wkoll fil-valutazzjonijiet tal-kapital assoċjat ma' linji ta' negozju.

28. Biex jikkalibraw l-ammont ta' kapital intern li jrid jinżamm għall-IRRBB, l-istituzzjonijiet għandhom jużaw sistemi ta' kejl u firxa ta' xenarji ta' xokk u ta' stress fuq ir-rati tal-imgħax, li jkunu adattati għall-profil tar-riskju tal-istituzzjoni sabiex jikkwantifikaw l-iskala potenzjali ta' kwalunkwe effett tal-IRRBB taħt kundizzjonijiet avversi.

29. L-istituzzjonijiet li joperaw mudelli ta' kapital ekonomiku għandhom jiżguraw li l-allokazzjoni tal-kapital intern għall-IRRBB tkun inkluża kif xieraq fl-allokazzjoni ġenerali tal-kapital ekonomiku, li kwalunkwe suppożizzjoni dwar id-diversifikazzjoni tiġi ddokumentata u li l-affidabbiltà u l-istabbiltà tagħha jiġu vverifikati bl-użu ta' data storika xierqa għall-istituzzjoni individwali u għas-swieq li topera fihom. L-ispejjeż tal-kapital ekonomiku jistgħu jiġu allokati lura għall-unitajiet tan-negozju u għall-prodotti biex jiġi żgurat li l-ispejjeż sħaħ tal-unitajiet tan-negozju jew tal-prodotti sottostanti jinftiehmu sew minn dawk responsabbli mill-ġestjoni tagħhom.

30. Meta jqisu jekk għandhomx jagħmlu allokazzjoni ta' kapital intern fir-rigward tal-IRRBB meta mqabbel mal-qligħ, l-istituzzjonijiet għandhom jieħdu inkunsiderazzjoni dan li ġej:

(a) L-importanza relattiva tal-introjtu mill-imgħax nett meta mqabbel mal-introjtu totali nett, u għalhekk l-impatt ta' varjazzjonijiet sinifikanti fl-introjtu mill-imgħax nett minn sena għal oħra;

(b) Il-livelli attwali ta' introjtu mill-imgħax nett li jistgħu jinkisbu taħt xenarji differenti (jiġifieri l-punt sa fejn il-marġnijiet ikunu wiesgħa biżżejjed biex jassorbu l-volatilità li tirriżulta mill-pożizzjonijiet tar-rati tal-imgħax u mill-bidliet fl-ispiża tal-obbligazzjonijiet);

(c) Il-potenzjal li jiġġarrab telf reali f'kundizzjonijiet ta' stress, jew b'riżultat ta' bidliet sekulari fl-ambjent tas-suq, eżempju fejn jista' jsir neċessarju li jiġu likwidati pożizzjonijiet li jkunu intenzjonati bħala investiment fit-tul biex jiġi stabbilizzat il-qligħ;

(d) L-importanza relattiva tal-istrumenti sensittivi għar-rata tal-imgħax (inklużi derivattivi tar-rata tal-imgħax) fil-portafoll mhux tan-negozjar, b'effetti potenzjali murija jew fir-rapport tal-introjtu jew inkella direttament fl-ekwità (eż. permezz ta' introjtu komprensiv ieħor); u

(e) Il-fluttwazzjoni ta' introjtu mill-imgħax nett, il-qawwa u l-istabbiltà tal-fluss tal-qligħ u l-livell ta' introjtu meħtieġ biex jiġu ġġenerati u miżmuma l-operazzjonijiet ta' negozju normali. Istituzzjonijiet b'livell għoli ta' IRRBB li jista' jirriżulta f'telf taħt firxa plawżibbli ta' xenarji tas-suq, meta jnaqqsu d-distribuzzjoni normali tad-dividenti, jew matul tnaqqis fl-operazzjonijiet tan-negozju, għandhom jiżguraw li għandhom biżżejjed kapital biex jirreżistu l-impatt avvers ta' dawn ix-xenarji.

31. L-istituzzjonijiet għandhom iqisu aġġustamenti għall-kapitali intern ta' lqugħ fejn ir-riżultati tal-ittestjar tal-istress tagħhom jenfasizzaw il-potenzjal għal tnaqqis fil-qligħ (u għalhekk tnaqqis fil-kapaċità ta' ġenerazzjoni tal-kapital) f'xenarji ta' stress.

## 4.3 Governanza

### 4.3.1 Strateġija globali rigward l-IRRBB

32. L-istrateġija tal-istituzzjoni rigward l-IRRBB, inklużi l-predispożizzjoni għar-riskju għall-IRRBB u l-mitigazzjoni tal-IRRBB, għandhom jagħmlu parti mill-istrateġija globali, b'mod partikolari l-

objettivi strateġiċi u l-objettivi għar-riskju, li l-korp maniġerjali jrid japprova kif stabbilit fis-subparagrafu (2), l-ittra (a) tal-Artikolu 88(1) tad-Direttiva 2013/36/UE.

33. Il-predispożizzjoni tal-istituzzjoni għar-riskju għall-IRRBB għandha tiġi espressa f'termini tal-impatt aċċettabbli ta' rati tal-imgħax fluttwanti kemm fuq il-qligħ kif ukoll fuq il-valur ekonomiku, u għandha tiġi riflessa fil-limiti. Istituzzjonijiet bi skoperturi sinifikanti għar-riskju ta' diskrepanza, ir-riskju ta' bażi, jew ir-riskju tal-opzjonijiet għandhom jiddeterminaw il-predispożizzjoni tagħhom għar-riskju fir-rigward ta' kull wieħed minn dawn is-sottotipi materjali ta' IRRBB.

34. L-istrateġija ġenerali rigward l-IRRBB għandha tinkludi wkoll id-deċiżjoni dwar il-punt safejn il-mudell kummerċjali jiddependi mill-ġenerazzjoni tal-qligħ billi "jirkeb il-kurva tar-rendiment", jiġifieri jiffinanzja assi b'perjodu ta' pprezzar mill-ġdid relattivament twil b'obbligazzjonijiet b'perjodu ta' pprezzar mill-ġdid relattivament qasir. Fejn il-mudell ta' negozju jkun jiddependi ħafna minn dan is-sors ta' qligħ, il-korp ta' ġestjoni għandu jispjega l-istrateġija tiegħu rigward l-IRRBB u kif huwa jippjana li jissopravvivi perjodi ċatti jew inversi fil-kurvi tar-rendiment.

35. L-istituzzjonijiet għandhom jivvalutaw kif xieraq proposti biex jintużaw prodotti jew jinbdew attivitajiet ġodda, kif ukoll strateġiji għat-teħid tar-riskju jew għall-iħħeġġjar, u dan qabel l-akkwiżizzjoni jew l-implimentazzjoni sabiex jiżguraw li jkunu ġew identifikati r-riżorsi meħtieġa biex tiġi stabbilita ġestjoni soda u effettiva tal-IRRBB fir-rigward tal-prodott jew l-attività, li l-attivitajiet proposti jkunu f'konformità mal-predispożizzjoni globali tal-istituzzjoni għar-riskju, u li jkunu ġew stabbiliti l-proċeduri għall-identifikazzjoni, il-kejl, il-monitoraġġ u l-kontroll tar-riskji tal-prodott jew l-attività proposti. Għandu jiġi żgurat li l-karatteristiki tal-IRRBB ta' dawn il-prodotti u attivitajiet ġodda jkunu mifhuma sew.

36. L-istituzzjonijiet li jużaw strumenti derivattivi biex jimmitigaw l-iskoperturi għall-IRRBB għandhom ikollhom l-għarfien u l-kompetenza esperta meħtieġa. Kull istituzzjoni għandha turi li hija tifhem il-konsegwenzi tal-iħħeġġjar bid-derivattivi tar-rati tal-imgħax.

37. L-istituzzjonijiet li jużaw mudelli tal-imġiba tal-klijenti bħala input għat-tkejjil tal-IRRBB tagħhom għandhom ikollhom l-għarfien u l-kompetenza esperta meħtieġa. Kull istituzzjoni għandha tkun tista' turi li hija tifhem il-konsegwenzi tal-immudellar tal-imġiba tal-klijentela tagħha.

38. Meta jieħdu deċiżjonijiet dwar l-attivitajiet ta' ħħeġġjar, l-istituzzjonijiet għandhom ikunu konxji mill-effetti tal-politiki ta' kontabilità, iżda t-trattament ta' kontabilità ma għandux jixpruna l-approċċ tagħhom għall-ġestjoni tar-riskju. Għalhekk, il-ġestjoni tar-riskji ekonomiċi għandha tkun prijorità, u l-impatti kontabilistiċi għandhom jiġu ġġestiti bħala kwistjoni sekondarja.

39. Istituzzjonijiet konsolidanti għandhom jiżguraw li l-arranġamenti u l-proċessi interni ta' governanza għall-ġestjoni tal-IRRBB ikunu konsistenti u integrati sew fuq bażi konsolidata u sottokonsolidata.

### 4.3.2 Qafas ta' ġestjoni tar-riskju u responsabbiltajiet

40. Bil-ħsieb li jkollhom arranġamenti interni ta' governanza skont l-Artikoli 74 u 88 tad-Direttiva 2013/36/UE, b'relazzjoni mal-IRRBB, l-istituzzjonijiet għandhom jiżguraw dan li ġej:

(a) Li l-korp ta' ġestjoni tagħhom iġarrab ir-responsabbiltà finali għas-sorveljanza tal-qafas ta' ġestjoni tal-IRRBB, għall-qafas tal-predispożizzjoni għar-riskju tal-istituzzjoni u għall-ammonti, it-tipi u d-distribuzzjoni tal-kapital intern biex ir-riskji jiġu koperti adegwatament. Il-korp ta' ġestjoni għandu jiddetermina l-istrateġija ġenerali tal-istituzzjoni rigward l-IRRBB, u japprova l-politiki u l-proċessi korrispondenti. Madankollu, il-korp ta' ġestjoni jista' jiddelega l-monitoraġġ u l-ġestjoni tal-IRRBB lill-maniġment superjuri, lil individwi esperti jew lil kumitat għall-ġestjoni tal-attiv u tal-passiv taħt il-kundizzjonijiet speċifikati ulterjurment fil-paragrafu 41.

(b) Li huma jkollhom stabbilit qafas ta' ġestjoni tal-IRRBB li jistabbilixxi linji ċari ta' responsabbiltajiet u li jikkonsisti minn sistema ta' limiti, politiki, proċessi u kontrolli interni li jinkludu rieżamijiet u evalwazzjonijiet indipendenti regolari tal-effettività tal-qafas.

41. B'mod partikolari, il-korp ta' ġestjoni għandu jkun responsabbli minn dan li ġej:

(a) Fehim tan-natura u l-livell tal-iskopertura għall-IRRBB. Il-korp ta' ġestjoni għandu jiżgura li jkun hemm gwida ċara rigward il-predispożizzjoni għar-riskju għall-IRRBB fir-rigward tal-istrateġiji ta' negozju tal-istituzzjoni.

(b) Għandu jistabbilixxi li jittieħdu l-azzjonijiet xierqa biex jiġi identifikat, imkejjel, immonitorjat u kkontrollat l-IRRBB, b'konsistenza mal-istrateġiji u l-politiki approvati. F'dan ir-rigward, il-korp ta' ġestoni jew id-delegati tiegħu huma responsabbli mill-issettjar:

  i. ta' limiti xierqa fuq l-IRRBB, inkluża d-definizzjoni ta' proċeduri u approvazzjonijiet speċifiċi meħtieġa għall-eċċezzjonijiet, u għall-iżgurar tal-konformità ma' dawk il-limiti.

  ii. ta' sistemi u standards għall-kejl tal-IRRBB, għall-valwazzjoni tal-pożizzjonijiet u l-valutazzjoni tal-prestazzjoni, inklużi proċeduri għall-aġġornament tax-xenarji ta' xokk u ta' stress fuq ir-rati tal-imgħax u suppożizzjonijiet ta' bażi ewlenin li jixprunaw l-analiżi li l-istituzzjoni twettaq fir-rigward tal-IRRBB;

  iii. ta' proċess komprensiv ta' rappurtar u rieżami tal-IRRBB; u

  iv. kontrolli interni u sistemi ta' informazzjoni maniġerjali (MISs) effettivi.

(c) Approvazzjoni ta' inizjattivi kbar ta' ħheġġjar jew ta' teħid ta' riskju qabel l-implimentazzjoni. Pożizzjonijiet relatati mat-trasferimenti ta' riskju intern bejn il-portafoll mhux tan-negozjar u l-portafoll tan-negozjar għandhom jiġu ddokumentati kif xieraq.

(d) Twettiq tas-sorveljanza tal-approvazzjoni, l-implimentazzjoni u r-rieżami tal-politiki, il-proċeduri u l-limiti relatati mal-ġestjoni tal-IRRBB. Il-livell ta' skopertura għall-IRRBB ta' istituzzjoni, kif ukoll il-bidliet fih, għandhom jingħataw regolarment lill-korp ta' ġestjoni (mill-inqas darba kull tliet xhur).

(e) Żgurar li l-validazzjoni tal-metodi ta' kejl tal-IRRBB u l-valutazzjoni tal-mudell tar-riskju korrispondenti jiġu inklużi fi proċess formali ta' politika li għandu jiġu rieżaminat u approvat mill-korp ta' ġestoni jew mid-delegati tiegħu.

(f) Fehim u valutazzjoni tal-funzjonament tad-delegati tiegħu fil-monitoraġġ u l-kontroll tal-IRRBB, b'mod konsistenti mal-politiki approvati mill-korp ta' ġestjoni, abbażi ta' rieżamijiet regolari ta' informazzjoni dettaljata f'waqtha u suffiċjenti.

(g) Fehim tal-implikazzjonijiet tal-istrateġiji tal-istituzzjoni rigward l-IRRBB u l-irbit potenzjali tagħhom mar-riskju tas-suq, tal-likwidità, tal-kreditu u operazzjonali, iżda mingħajr ma jkun meħtieġ li l-membri kollha tal-korp ta' ġestjoni jkunu esperti fil-qasam. Xi wħud mill-membri għandu jkollhom biżżejjed għarfien tekniku biex iqajmu dubji u jisfidaw ir-rapporti li jsiru lill-korp ta' ġestjoni. L-istituzzjoni għandha tistabbilixxi li l-membri tal-korp ta' ġestjoni huma responsabbli biex jiżguraw li l-maniġment superjuri jkollu l-kompetenza li jifhem l-IRRBB u li l-maniġment tal-IRRBB jingħata riżorsi adegwati.

42. L-istituzzjonijiet għandu jkollhom arranġamenti u proċeduri ta' delega għal kwalunkwe delega stabbilita mill-korp ta' ġestjoni tal-monitoraġġ jew tal-ġestjoni tal-IRRBB, inkluż, iżda mhux limitat, għal dan li ġej:

(a) Persuni jew kumitati li lilhom jiġu ddelegati l-kompiti tal-korp ta' ġestjoni għall-iżvilupp ta' politiki u prattiki relatati mal-IRRBB, bħall-maniġment superjuri, individwi esperti jew kumitat għall-ġestjoni tal-attiv u tal-passiv (ALCO), għandhom jiġu identifikati u jkollhom l-objettivi tagħhom stipulati b'mod ċar mill-korp ta' ġestjoni.

(b) Il-korp ta' ġestjoni għandu jiżgura li jkun hemm separazzjoni adegwata tar-responsabbiltajiet fil-proċess tal-ġestjoni tar-riskju għall-IRRBB. Il-funzjonijiet ta' identifikazzjoni, ta' kejl, ta' monitoraġġ u ta' kontroll tal-IRRBB għandhom ikollhom responsabbiltajiet iddefiniti b'mod ċar, għandhom ikunu indipendenti mill-funzjonijiet ta' teħid tar-riskju li jikkonċernaw l-IRRBB u għandhom jirrappurtaw l-iskoperturi għall-IRRBB direttament lill-korp ta' ġestjoni jew lid-delegati tiegħu.

(c) L-istituzzjoni għandha tiżgura li d-delegati tal-korp ta' ġestjoni jkollhom linji ta' awtorità ċari fuq l-unitajiet responsabbli mit-teħid ta' riskju relatat mal-IRRBB. Il-mezz ta' komunikazzjoni biex id-direttivi tad-delegati jingħaddu lil dawn l-unitajiet lineari għandu jkun ċar.

(d) Il-korp ta' ġestjoni għandu jistabbilixxi li l-istruttura tal-istituzzjoni tippermetti li d-delegati tiegħu jwettqu r-responsabbiltajiet tagħhom, u li tiffaċilita t-teħid effettiv ta' deċiżjonijiet u l-governanza. F'dan ir-rigward, għandu jitlaqqa' ALCO b'mod regolari u l-kompożizzjoni

tiegħu għandha tirrifletti kull dipartiment kbir relatat mal-IRRBB. Il-korp ta’ ġestjoni għandu jrawwem diskussjoni rigward il-proċess ta’ ġestjoni tal-IRRBB, kemm fost il-membri u d-delegati tiegħu kif ukoll fost id-delegati tiegħu u oħrajn fl-istituzzjoni. Il-korp ta’ ġestjoni għandu jiżgura wkoll li komunikazzjoni regolari bejn l-oqsma ta’ ġestjoni tar-riskju u ta’ ppjanar strateġiku tiffaċilita l-monitoraġġ tar-riskju li jirriżulta min-negozju fil-futur.

### 4.3.3 Predispożizzjoni għar-riskju u limiti tal-politika

43.L-istituzzjonijiet għandhom jartikolaw il-predispożizzjoni tagħhom għar-riskju għall-IRRBB, b'mod partikolari f’termini tar-riskju għall-valur ekonomiku u għall-qligħ:

(a) L-istituzzjonijiet għandhom ikollhom dikjarazzjonijiet iddefiniti ċari dwar il-predispożizzjoni tagħhom għar-riskju li jiġu approvati mill-korp ta’ ġestjoni u implimentati permezz ta’ oqfsa komprensivi tal-predispożizzjoni għar-riskju, jiġifieri politiki u proċeduri biex jiġi llimitat u kkontrollat l-IRRBB.

(b) L-oqfsa tal-predispożizzjoni għar-riskju għandhom jiddelinjaw is-setgħat delegati, il-linji ta’ responsabbiltà u ta’ obbligu ta’ rendikont rigward id-deċiżjoni relatati mal-ġestjoni tal-IRRBB, u għandhom jelenkaw l-istrumenti, l-istrateġiji ta’ ħeġġjar u l-opportunitajiet ta’ teħid ta’ riskju awtorizzati għall-IRRBB.

(c) Meta jkunu qed jiddefinixxu l-predispożizzjonijiet tagħhom għar-riskju, l-istituzzjonijiet għandhom jieħdu kont tar-riskju relatat mal-qligħ li jista’ jirriżulta bħala konsegwenza tat-trattament kontabilistiku tat-tranżazzjonijiet fil-portafoll mhux tan-negozjar. Ir-riskju għall-qligħ jista’ ma jkunx limitat għall-introjtu u l-ispejjeż relatati mal-imgħax: l-effetti tal-bidliet fir-rati tal-imgħax fuq il-valur tal-istrumenti fis-suq li, skont it-trattament kontabilistiku, jiġu riflessi jew fir-rapport tal-introjtu jew inkella direttament fl-ekwità (permezz ta’ introju komprensiv ieħor), għandhom jittieħdu inkunsiderazzjoni separatament. L-istituzzjonijiet għandhom jieħdu inkunsiderazzjoni b’mod partikolari l-impatt fuq il-qligħ relatat ma’ opzjonalitajiet inkorporati fi strumenti ta’ valur ġust li jkunu taħt xenarji kontinwi ta’ xokkijiet u ta’ stress fuq ir-rati tal-imgħax. L-istituzzjonijiet għandhom jieħdu inkunsiderazzjoni wkoll l-impatt potenzjali fuq il-kontijiet P&L tad-derivattivi ħeġġjati tar-rati tal-imgħax jekk l-effettività tagħhom tkun ixxekklet minn bidliet fir-rati tal-imgħax.

44.L-istituzzjonijiet għandhom jimplimentaw limiti li jkollhom l-għan li jżommu l-iskoperturi għall-IRRBB konsistenti mal-predispożizzjoni tagħhom għar-riskju u mal-approċċ globali tagħhom għall-kejl tal-IRRBB, b’mod partikolari dawn li ġejjin:

(a) Limiti tar-riskju aggregati li jartikolaw b’mod ċar l-ammont ta’ IRRBB aċċettabbli għall-korp ta’ ġestjoni għandhom jiġu applikati fuq bażi konsolidata u, kif xieraq, fil-livell ta’ affiljati individwali.

(b) Il-limiti jistgħu jkunu assoċjati ma’ xenarji speċifiċi ta’ bidliet fir-rati tal-imgħax u fl-istruttura tat-termini, bħal żieda jew tnaqqis fihom jew bidla fil-forma tal-kurva tar-rendiment. Iċ-ċaqliq fir-rati tal-imgħax li jintużaw fl-iżvilupp ta’ dawn il-limiti għandu jirrappreżenta

sitwazzjonijiet ta’ xokk u ta’ stress avversi biżżejjed, filwaqt li tittieħed inkunsiderazzjoni il-volatilità storika tar-rati tal-imgħax u l-ħin meħtieġ mill-maniġment biex jimmitigaw dawk l-iskoperturi għar-riskju.

(c) Il-limiti ta’ politika għandhom ikunu xierqa għan-natura, id-daqs, il-kumplessità u l-adegwatezza kapitali tal-istituzzjoni, kif ukoll għall-kapaċità tagħha li tkejjel u tiġġestixxi r-riskji tagħha.

(d) Skont in-natura tal-attivitajiet u tal-mudell ta’ negozju ta’ istituzzjoni, jistgħu jiġu identifikati wkoll sottolimiti għal unitajiet kummerċjali, portafolli, tipi ta’ strumenti, strumenti speċifiċi jew sottotipi materjali individwali tar-riskju ta' IRRBB, bħar-riskju ta’ diskrepanza, ir-riskju ta’ bażi u r-riskju tal-opzjonijiet.

(e) Għandu jkun hemm stabbiliti sistemi li jiżguraw li l-pożizzjonijiet li jaqbżu jew li x’aktarx ikunu se jaqbżu l-limiti definiti mill-korp ta’ ġestjoni jew mid-delegati tiegħu jinġiebu għall-attenzjoni immedjata tal-maniġment u jiġu eskalati mingħajr dewmien. Għandu jkun hemm politika ċara dwar min għandu jiġi infurmat, kif isseħħ il-komunikazzjoni u l-azzjonijiet li għandhom jittieħdu b’rispons.

(f) Ir-rappurtar dwar il-kejl tar-riskju lill-korp ta’ ġestjoni jew lid-delegati tiegħu għandu jkollu frekwenza ta’ mill-inqas darba kull tliet xhur u għandu jqabbel l-iskopertura attwali mal-limiti ta’ politika.

45. Għandu jkun hemm stabbilit qafas biex jimmonitorja l-evoluzzjoni ta’ strateġiji ta’ ħheġġjar li jiddependu minn strumenti bħal derivattivi, kif ukoll biex jikkontrolla riskji ta’ valwazzjoni skont is-suq fi strumenti li jiġu kkontabilizzati bil-valur tas-suq.

### 4.3.4 Politiki, proċessi u kontrolli tar-riskju

#### a. Politiki u proċessi tar-riskju

46. Abbażi tal-istrateġija ġenerali tiegħu rigward l-IRRBB, il-korp ta’ ġestjoni għandu jadotta politiki, proċessi u sistemi robusti relatati mar-riskju li għandhom jiżguraw li:

(a) jiġu stabbiliti proċeduri għall-aġġornament tax-xenarji għall-kejl u għall-valutazzjoni tal-IRRBB;

(b) l-approċċ tal-kejl u s-suppożizzjonijiet korrispondenti għall-kejl u l-valutazzjoni tal-IRRBB, inkluża l-allokazzjoni ta’ kapital intern għar-riskji tal-IRRBB, ikunu xierqa u proporzjonali;

(c) is-suppożizzjonijiet tal-mudelli użati jiġu rieżaminati regolarment u emendati jekk ikun meħtieġ;

(d) jiġu definiti standards għall-evalwazzjoni tal-pożizzjonijiet u għall-kejl tal-prestazzjoni;

(e) ikunu jeżistu dokumentazzjoni u kontrolli xierqa dwar l-istrateġiji u l-istrumenti għall-iħħeġġjar permissibbli; u

(f) ikunu definiti l-linji tal-awtorità u r-responsabbiltà għall-ġestjoni tal-iskoperturi għall-IRRBB.

47. Il-politiki għandhom ikunu raġunati sew, robusti u ddokumentati, u għandhom jindirizzaw il-komponenti kollha tal-IRRBB li huma importanti għaċ-ċirkustanzi individwali tal-istituzzjoni. Mingħajr preġudizzju għall-prinċipju ta' proporzjonalità, il-politiki li jikkonċernaw l-IRRBB għandhom jinkludu dan li ġej:

(a) L-applikazzjoni tal-limitu bejn il-"portafoll mhux tan-negozjar" u l-"portafoll tan-negozjar". Trasferimenti ta' riskju intern bejn il-portafoll bankarju u l-portafoll tan-negozjar għandhom jiġu ddokumentati u mmonitorjati kif xieraq fi ħdan il-monitoraġġ usa' tal-IRRBB li joriġina minn strumenti ta' derivattivi tar-rata tal-imgħax.

(b) Id-definizzjoni aktar dettaljata tal-valur ekonomiku u l-konsistenza tagħha mal-metodu użat sabiex jiġu valwati l-assi u l-obbligazzjonijiet (eż. ibbażat fuq il-valur skontat tal-flussi tal-flus fil-futur, kif ukoll fuq il-valur skontat tal-qligħ fil-futur) adottata għall-użu intern.

(c) Id-definizzjoni aktar dettaljata tar-riskju għall-qligħ u l-konsistenza tagħha mal-approċċ tal-istituzzjoni għall-iżvilupp ta' pjanijiet u tbassir finanzjarji adottata għall-użu intern.

(d) Id-daqs u l-forma tal-iskossi differenti fuq ir-rati tal-imgħax li għandhom jintużaw għall-kalkoli interni tal-IRRBB.

(e) L-użu ta' approċċi kundizzjonali jew mhux kundizzjonali għall-mmudellar tal-fluss tal-flus.

(f) It-trattament ta' "tranżazzjonijiet fil-ġejjieni"[7] (inkluż kwalunkwe ħheġġjar relatat).

(g) L-aggregazzjoni ta' esponimenti għar-rati tal-imgħax ta' bosta muniti.

(h) Il-kejl u l-ġestjoni tar-riskju ta' bażi li jirriżulta minn indiċijiet differenti tar-rati tal-imgħax.

(i) Jekk l-attiv u l-passiv mingħajr imgħax tal-portafoll mhux tan-negozjar (inklużi dawk kapitali u ta' riżerva) humiex inklużi jew le fil-kalkoli li jkejlu l-IRRBB għall-ICAAP.

(j) It-trattament ibbażat fuq l-imġiba tal-kontijiet kurrenti u tat-tfaddil (jiġifieri l-maturità preżunta għal obbligazzjonijiet b'maturità kuntrattwali qasira iżda maturità komportamentali twila).

(k) Il-kejl tal-IRRBB li jirriżulta minn opzjonijiet komportamentali u awtomatiċi fl-assi jew fl-obbligazzjonijiet, inklużi effetti ta' konvessità u profili ta' ħlas mhux lineari.

---

[7] Skoperturi fil-ġejjieni (eż. fejn ikun inqabel self u l-klijent ikun jista' jiddeċiedi jekk jagħmilx prelevament jew le) effettivament jagħtu għażla lill-klijent li x'aktarx tiġi eżerċitata meta l-kundizzjonijiet tas-suq ikunu jiffavorixxu l-inqas lill-istituzzjoni (konvessività negattiva). Il-ġestjoni ta' skoperturi fil-ġejjieni tiddependi minn data preċiża dwar l-applikazzjonijiet riċevuti kif ukoll mill-immudellar tal-prelevamenti mistennija.

(l) Il-grad ta' granularità użata fil-kalkoli tal-kejl (eż. l-użu ta' taqsimiet tal-ħin).

(m) Id-definizzjoni interna ta' marġnijiet kummerċjali u metodoloġija adegwata għat-trattament intern tal-marġnijiet kummerċjali.

48. Il-politiki kollha tal-IRRBB għandhom jiġu rieżaminati regolarment, mill-inqas darba f'sena, u riveduti kif meħtieġ.

49. Biex jiżgura li l-politiki u l-proċeduri ta' ġestjoni tal-IRRBB jibqgħu xierqa u sodi, il-korp ta' ġestjoni jew id-delegati tiegħu għandhom jirrieżaminaw il-politiki u l-proċeduri ta' ġesjtoni tal-IRRBB fid-dawl tal-eżiti ta' rapporti regolari.

50. Il-korp ta' ġestjoni jew id-delegati tiegħu għandhom jiżguraw li l-attivitajiet ta' analiżi ta' ġestjoni tar-riskju relatati mal-IRRBB jitwettqu minn biżżejjed persunal kompetenti b'għarfien tekniku u esperjenza, konsistenti man-natura u l-ambitu tal-attivitajiet tal-istituzzjoni.

## b. Kontrolli interni

51. Fir-rigward tal-politiki u l-proċeduri ta' kontroll tal-IRRBB, l-istituzzjonijiet għandhom ikollhom proċessi ta' approvazzjoni, limiti ta' skopertura, rieżamijiet u mekkaniżmi xierqa oħra mfassla biex jipprovdu aċċertament raġonevoli li jkunu qed jintlaħqu l-objettivi tal-ġestjoni tar-riskju.

52. L-istituzzjonijiet għandhom iwettqu rieżamijiet u evalwazzjonijiet regolari tas-sistemi ta' kontroll intern u l-proċessi ta' ġestjoni tar-riskju tagħhom, fejn ifittxu aċċertament li l-persunal jikkonforma mal-politiki u l-proċeduri stabbiliti. Dawn ir-rieżamijiet għandhom jindirizzaw ukoll kwalunkwe bidla sinifikanti li tista' taffettwa l-effettività tal-kontrolli, inklużi bidliet fil-kundizzjonijiet tas-suq, fil-persunal, fit-teknoloġija u fl-istrutturi ta' konformità mal-limiti tal-iskopertura, u jiżguraw li jkun hemm proċeduri ta' eskalazzjoni xierqa għal kwalunkwe limitu maqbuż. Ir-rieżamijiet u l-evalwazzjonijiet għandhom jitwettqu regolarment minn individwi jew unitajiet li huma indipendenti mill-funzjoni taħt rieżami. Meta jkunu ġġustifikati reviżjonijiet jew titjib għall-kontrolli interni, għandu jkun hemm mekkaniżmu ta' rieżami intern stabbilit biex jiżgura li dawn jiġu implimentati f'waqthom.

53. L-istituzzjonijiet għandu jkollhom il-proċessi tagħhom ta' identifikazzjoni, kejl, monitoraġġ u kontroll tal-IRRBB rieżaminati regolarment minn funzjoni tal-awditjar indipendenti, li jista' jkun awditur intern jew estern. F'dawn il-każijiet, rapporti miktuba minn awdituri interni jew esterni, jew kwalunkwe partijiet esterni ekwivalenti, għandhom ikunu disponibbli għall-awtoritajiet kompetenti rilevanti.

## c. Is-sistema tal-IT u l-kwalità tad-data tal-IRRBB

54. Is-sistemi u l-applikazzjonijiet tal-IT li jintużaw mill-istituzzjoni biex twettaq, tipproċessa u tirreġistra l-operazzjonijiet, biex tidentifika, tkejjel u tagħmel aggregazzjoni tal-iskoperturi għall-IRRBB, kif ukoll biex tiġġenera r-rapporti, għandhom ikunu kapaċi jappoġġaw il-ġestjoni tal-IRRBB f'waqtha u bi preċiżjoni. B'mod partikolari, is-sistemi għandhom:

(a) Jirreġistraw data dwar ir-riskju taċ-ċaqliq fir-rata tal-imgħax fir-rigward tal-iskoperturi materjali tal-istituzzjoni għall-IRRBB, inklużi l-iskoperturi għar-riskju ta' diskrepanza, ir-riskju ta' bażi u r-riskju tal-opzjonijiet. Dan għandu jappoġġa s-sistema ta' kejl tal-istituzzjoni biex tidentifika, tkejjel u tagħmel aggregazzjoni tal-akbar sorsi ta' skoperturi għall-IRRBB.

(b) Ikunu kapaċi jirreġistraw b'mod sħiħ u ċar it-tranżazzjonijiet kollha li jsiru mill-istituzzjoni, filwaqt li jieħdu inkunsiderazzjoni l-karatteristiki tal-IRRBB tagħhom.

(c) Ikunu mfassla apposta għall-kumplessità u l-għadd ta' tranżazzjonijiet li joħolqu l-IRRBB; u

(d) Joffru biżżejjed flessibbiltà sabiex jakkomodaw firxa raġonevoli ta' xenarji ta' xokk u ta' stress, kif ukoll kwalunkwe xenarju addizzjonali.

(e) Jippermettu li l-istituzzjonijiet ikejlu, jivvalutaw u jimmonitorjaw bis-sħiħ il-kontribut ta' tranżazzjonijiet individwali għall-iskopertura globali tagħhom.

(f) Ikunu jistgħu jikkomputaw il-kejl tal-IRRBB ibbażat fuq il-valur ekonomiku u l-qligħ, kif ukoll kejl ieħor tal-IRRBB preskritt mill-awtoritajiet kompetenti tagħhom, abbażi tax-xenarji ta' xokk u ta' stress fuq ir-rati tal-imgħax stipulati fit-Taqsimiet 4.4.3 u 4.4.4.

(g) Ikunu flessibbli biżżejjed biex jinkorporaw restrizzjonijiet superviżorji imposti fuq is-suppożizzjonijiet dwar il-parametru tar-riskju intern.

55. Is-sistema tal-IT u s-sistema tat-tranżazzjonijiet għandhom ikunu kapaċi jirreġistraw il-profil tal-ipprezzar mill-ġdid, il-karatteristiki tar-rati tal-imgħax (inkluża l-firxa) u l-karatteristiċi tal-opzjonijiet tal-prodotti, sabiex ikunu jistgħu jitkejlu r-riskju ta' diskrepanza, ir-riskju ta' bażi u r-riskju tal-opzjonijiet. B'mod partikolari, is-sistema tat-tranżazzjonijiet għandha tkun kapaċi tiġbor informazzjoni dettaljata dwar id-data(i) tal-ipprezzar mill-ġdid ta' tranżazzjoni partikolari, it-tip jew l-indiċi tar-rata tal-imgħax, kwalunkwe opzjoni (inkluż il-pagament lura qabel iż-żmien jew it-tifdija), u t-tariffi marbuta mal-eżerċitar ta' dawn l-opzjonijiet.

56. Is-sistemi li jintużaw biex jitkejjel l-IRRBB għandhom ikunu kapaċi jaqbdu l-karatteristiki tal-IRRBB tal-prodotti kollha. Is-sistemi għandhom jippermettu wkoll id-diżaggregazzjoni tal-impatt ta' strumenti u portafolli individwali tal-IRRBB fil-livell tar-riskju tal-portafoll mhux tan-negozjar.

57. B'mod partikolari għal prodotti strutturati u kumplessi, is-sistema tat-tranżazzjonijiet għandha tkun kapaċi tiġbor informazzjoni dwar il-partijiet separati tal-prodott u taqbad il-karatteristiki tal-IRRBB tagħhom (eż. il-karatteristiki ta' attiv u passiv miġbura flimkien skont ċerti karatteristiki, bħad-dati tal-ipprezzar mill-ġdid jew elementi ta' opzjonalità). L-istituzzjoni għandha tiżgura li s-sistema tal-IT tkun kapaċi żżomm il-pass mal-introduzzjoni ta' prodotti ġodda.

58.Għandu jkun hemm stabbiliti kontrolli organizzazzjonali adegwati tas-sistemi tal-IT biex tiġi evitata l-korruzzjoni tad-data użata mis-sistemi u l-applikazzjonijiet tal-komputer għall-IRRBB, u biex jiġu kkontrollati bidliet fl-ikkowdjar użat f'dawk l-applikazzjonijiet, sabiex b'mod partikolari jiġu żgurati:

(a) l-affidabbiltà tad-data użata bħala input, u l-integrità tas-sistemi tal-ipproċessar għall-mudelli tal-IRRBB;

(b) il-minimizzazzjoni tal-probabbiltà li jseħħu żbalji fis-sistema tal-IT, inklużi dawk li jseħħu matul l-ipproċessar u l-aggregazzjoni tad-data; u

(c) it-teħid ta' miżuri adegwati jekk iseħħu tfixkil fis-suq jew perjodi ħżiena fin-negozju.

59.Il-kejl tar-riskju għandu jkun ibbażat fuq data dwar is-suq u data interna affidabbli. L-istituzzjonijiet għandhom jiskrutinizzaw kemm il-kwalità tas-sorsi ta' informazzjoni esterni li jintużaw fl-istabbiliment tal-bażijiet ta' data storiċi tar-rati tal-imgħax, kif ukoll il-frekwenza li biha jiġu aġġornati l-bażijiet ta' data.

60.Biex jiżguraw kwalità għolja tad-data, l-istituzzjonijiet għandhom jimplimentaw proċessi xierqa li jiżguraw li d-data li tiddaħħal fis-sistema tal-IT tkun korretta. L-inputs tad-data għandhom jiġu awtomatizzati mill-aktar fis possibbli biex jitnaqqsu l-iżbalji amministrattivi, u l-immappjar tad-data għandu jiġu rieżaminat u ttestjat perjodikament bi tqabbil ma' verżjoni mudell approvata. Barra minn hekk, għandu jkun hemm dokumentazzjoni suffiċjenti tas-sorsi l-kbar ta' data użati fil-proċess ta' kejl tar-riskju tal-istituzzjoni. L-istituzzjonijiet għandhom jistabbilixxu wkoll mekkaniżmi xierqa biex jivverifikaw il-korrettezza tal-proċess ta' aggregazzjoni u l-affidabbiltà tar-riżultati mudell. Dawn il-mekkaniżmi għandhom jikkonfermaw il-preċiżjoni u l-affidabbiltà tad-data.

61.Fejn l-istituzzjonijiet jorganizzaw il-flussi tal-flus f'taqsimiet tal-ħin differenti (eż. għal analiżi tad-diskrepanzi) jew jassenjaw il-flussi tal-flus għal punti vertiċi differenti biex jirriflettu l-perjodi ta' maturità differenti tal-kurva tar-rata tal-imgħax, il-kriterji għall-organizzazzjoni għandhom ikunu stabbli matul iż-żmien biex jippermettu li jsir tqabbil sinifikattiv taċ-ċifri relatati mar-riskju tul perjodi differenti.

62.L-istituzzjonijiet għandhom jidentifikaw raġunijiet potenzjali għad-diskrepanzi u l-irregolaritajiet li jistgħu jirriżultaw fi żmien l-ipproċessar tad-data. L-istituzzjonijiet għandhom ikollhom stabbiliti proċeduri biex jittrattaw dawn id-diskrepanzi u l-irregolaritajiet, inklużi proċeduri għar-rikonċiljazzjoni reċiproka tal-pożizzjonijiet sabiex dawn id-diskrepanzi u irregolaritajiet ikunu jistgħu jiġu eliminati.

63.L-istituzzjonijiet għandhom jistabbilixxu proċessi xierqa biex jiżguraw li d-data użata biex talimenta l-mudelli li jkejlu l-IRRBB fil-grupp — eż. għas-simulazzjoni tal-qligħ — tkun konsistenti mad-data użata għall-ippjanar finanzjarju.

## d. Rappurtar intern

64. Is-sistemi interni ta' rappurtar tar-riskju tal-istituzzjonijiet għandhom jipprovdu informazzjoni f'waqtha, preċiża u komprensiva dwar l-iskoperturi tagħhom għall-IRRBB. Il-frekwenza tar-rapporti interni għandha tkun ta' mill-inqas darba kull tliet xhur.

65. Ir-rapporti interni għandhom jingħataw lill-korp ta' ġestjoni jew lid-delegati tiegħu b'informazzjoni f'livelli rilevanti ta' aggregazzjoni (skont il-livell ta' konsolidazzjoni u l-munita), u jiġu rieżaminati regolarment. Ir-rapporti għandhom jinkludu livell ta' informazzjoni adattat għal-livell maniġerjali partikolari (eż. korp ta' ġestjoni, maniġment superjuri) u għas-sitwazzjoni speċifika tal-istituzzjoni u tal-ambjent ekonomiku.

66. Ir-rapporti dwar l-IRRBB għandhom jipprovdu informazzjoni aggregata kif ukoll biżżejjed dettall ta' sostenn biex il-korp ta' ġestjoni jew id-delegati tiegħu jkunu jistgħu jivvalutaw is-sensittività tal-istituzzjoni għal bidliet fil-kundizzjonijiet tas-suq u fatturi ta' riskju importanti oħra. Il-kontenut tar-rapporti għandu jirrifletti l-bidliet fil-profil ta' riskju tal-istituzzjoni u fl-ambjent ekonomiku, u jqabbel l-iskopertura attwali mal-limiti ta' politika.

67. Fuq bażi regolari, ir-rapporti tal-IRRBB għandhom jinkludu r-riżultati tar-rieżamijiet u l-awditi tal-mudelli, kif ukoll tqabbil ta' tbassir jew stimi tar-riskju fil-passat mar-riżultati reali biex jiġu infurmati xi nuqqasijiet potenzjali fl-immudellar. B'mod partikolari, l-istituzzjonijiet għandhom jivvalutaw it-telf ta' prepagamenti mmudellati bi tqabbil ma' telf storiku rrealizzat. Portafolli li jistgħu jkunu soġġetti għal ċaqliq sinifikanti fil-valwazzjoni skont is-suq għandhom jiġu identifikati b'mod ċar, u l-impatt għandu jiġi mmonitorjat fi ħdan il-MIS tal-istituzzjoni u jkun soġġett għal sorveljanza f'konformità ma' kwalunkwe portafoll ieħor espost għar-riskju tas-suq.

68. Filwaqt li t-tipi ta' rapporti mħejjija għall-korp ta' ġestjoni jew għad-delegati tiegħu jvarjaw abbażi tal-kompożizzjoni tal-portafoll tal-istituzzjoni, dawn għandhom jinkludu, filwaqt li jittieħed inkunsiderazzjoni l-paragafu 65, dan li ġej:

(a) Sommarji tal-iskoperturi aggregati tal-istituzzjoni għall-IRRBB, inkluża informazzjoni dwar l-iskopertura għar-riskju ta' diskrepanza, ir-riskju ta' bażi u r-riskju tal-opzjonijiet. Għandhom jiġu identifikati u spjegati l-attivi, il-passivi, il-flussi tal-flus u l-istrateġiji li qed jixprunaw il-livell u d-direzzjoni tal-IRRBB.

(b) Rapporti li juru l-konformità tal-istituzzjoni mal-politiki u l-limiti.

(c) Suppożizzjonijiet ewlenin fl-immudellar, bħal karatteristiki ta' depożiti mingħajr maturità (NMDs), prepagamenti fuq self b'rata fissa, ġbid bikri ta' depożiti ta' żmien fiss, ġbid ta' impenji, aggregazzjoni ta' muniti u trattament tal-marġnijiet kummerċjali.

(d) Dettalji tal-impatt tas-suppożizzjonijiet ewlenin fl-immudellar fuq il-kejl tal-IRRBB f'termini tal-kejl kemm tal-valur ekonomiku kif ukoll tal-qligħ, inklużi bidliet fis-suppożizzjonijiet taħt diversi xenarji tar-rati tal-imgħax.

(e) Dettalji tal-impatt tad-derivattivi tar-rati tal-imgħax fuq il-kejl tal-IRRBB, f'termini tal-kejl kemm tal-valur ekonomiku kif ukoll tal-qligħ.

(f) Dettalji tal-impatt ta' strumenti ta' valur ġust, inklużi attivi u passivi tal-Livell 3, fuq il-kejl tal-IRRBB, f'termini tal-kejl kemm tal-valur ekonomiku kif ukoll tal-qligħ.

(g) Ir-riżultati tat-testijiet tal-istress kif imsemmija fit-Taqsima 4.4.4, ix-xokkijiet kif imsemmija fit-Taqsima 4.4.3, it-test superviżorju tal-eċċezzjonijiet kif imsemmi fit-Taqsima 4.5, u l-valutazzjonijiet tas-sensittività għas-suppożizzjonijiet u l-parametri ewlenin; u

(h) Sommarji tar-rieżamijiet tal-politiki u l-proċeduri relatati mal-IRRBB u tal-adegwatezza tas-sistemi ta' kejl, inklużi kwalunkwe sejbiet ta' awdituri interni u esterni jew ta' partijiet esterni ekwivalenti oħra (bħal konsulenti).

69. Abbażi ta' dawn ir-rapporti, il-korp ta' ġestjoni jew id-delegati tiegħu għandhom ikunu jistgħu jivvalutaw is-sensittività tal-istituzzjoni għal bidliet fil-kundizzjonijiet tas-suq u fatturi ta' riskju importanti oħra, b'referenza partikolari għall-portafolli li potenzjalment jistgħu jkunu suġġetti għal ċaqliq sinifikanti fil-valwazzjoni skont is-suq.

70. Is-sistema ta' kejl interna għandha tiġġenera rapporti f'format li jippermetti li l-livelli differenti tal-maniġment tal-istituzzjoni jifhmu r-rapporti faċilment u jieħdu deċiżjonijiet xierqa fil-ħin. Ir-rapporti għandhom jikkostitwixxu l-bażi għal monitoraġġ regolari dwar jekk l-istituzzjoni toperax f'konformità mal-istrateġija tagħha u mal-limiti tar-riskju għar-rata tal-imgħax li hija tkun adottat.

## e. Governanza mudell

71. L-istituzzjonijiet għandhom jiżguraw li l-validazzjoni tal-metodi ta' kejl tal-IRRBB — li għandhom jiġu rieżaminati u vvalidati indipendentement mill-iżvilupp tagħhom — u l-valutazzjoni tal-mudell tar-riskju korrispondenti jiġu inklużi fi proċess formali ta' politika li għandu jiġu rieżaminat u approvat mill-korp ta' ġestjoni jew mid-delegati tiegħu. Il-politika għandha tiġi integrata mal-proċessi ta' governanza għall-ġestjoni tal-mudell tar-riskju u għandha tispeċifika:

(a) ir-rwoli tal-maniġment u tinnomina min huwa responsabbli mill-iżvilupp, il-validazzjoni, id-dokumentazzjoni, l-implimentazzjoni u l-użu tal-mudelli; u

(b) ir-responsabbiltajiet ta' sorveljanza tal-mudell kif ukoll politiki li jinkludu l-iżvilupp ta' proċeduri inizjali u kontinwi ta' validazzjoni, ta' evalwazzjoni tar-riżultati, u ta' proċessi ta' approvazzjoni, ta' kontroll tal-verżjonijiet, ta' eċċezzjoni, ta' eskalazzjoni, ta' modifika u ta' dekummissjoni.

72. Il-qafas ta' validazzjoni għandu jinkludi l-erba' elementi ewlenin li ġejjin:

(a) evalwazzjoni tas-solidità kunċettwali u metodoloġika, inkluża evidenza tal-iżvilupp;

(b) monitoraġġ kontinwu tal-mudell, inklużi verifika u tqabbil tal-proċess ma' punt ta' riferiment;

(c) analiżi tal-eżitu, inkluż ittestjar retrospettiv ta' parametri interni ewlenin (eż. stabbiltà tad-depożiti, rati ta' prepagament tas-self, tifdija bikrija tad-depożiti, ipprezzar tal-istrumenti); u

(d) valutazzjoni approfondita ta' kwalunkwe opinjoni u ġudizzju esperti użati fil-mudelli interni.

73. Meta tindirizza l-attivitajiet mistennija inizjali u kontinwi ta' validazzjoni, il-politika għandha tistabbilixxi proċess ġerarkiku għad-determinazzjoni tas-solidità tal-mudell tar-riskju, abbażi ta' dimensjonijiet kemm kwantitattivi kif ukoll kwalitattivi bħad-daqs, l-impatt, il-prestazzjoni fil-passat u l-għarfien espert tal-persunal bit-teknika ta' mmudellar użata.

74. Il-ġestjoni tal-mudell tar-riskju għall-miżuri relatati mal-IRRBB għandhom isegwu approċċ olistiku li jibda bil-motivazzjoni, l-iżvilupp u l-implimentazzjoni mis-sidien u l-utenti tal-mudell. Wara li jiġu approvati internament biex jintużaw, il-proċessi għad-determinazzjoni tal-inputs tal-mudelli, is-suppożizzjonijiet, il-metodoloġiji ta' mmudellar u l-outputs għandhom jiġu rieżaminati u vvalidati indipendentement mill-iżvilupp tal-mudelli tal-IRRBB.

75. Ir-riżultati tar-rieżami u tal-validazzjoni u kwalunkwe rakkomandazzjonijiet dwar l-użu tal-mudell għandhom jiġu ppreżentati lill-korp ta' ġestjoni jew lid-delegati tiegħu, u jiġu approvati minnhom. Wara l-approvazzjoni, il-mudell għandu jkun soġġett għal rieżami, verifika tal-proċess u validazzjoni kontinwi bi frekwenza li hija konsistenti mal-livell ta' mudell tar-riskju ddeterminat u approvat mill-istituzzjoni.

76. Il-proċess ta' rieżami kontinwu għandu jistabbilixxi sett ta' avvenimenti skattaturi ta' eċċezzjoni li jobbligaw lill-evalwaturi tal-mudell li jinnotifikaw lill-korp ta' ġestjoni jew lid-delegati tiegħu fil-ħin, sabiex jiġu determinati l-azzjonijiet korrettivi u r-restrizzjonijiet dwar l-użu tal-mudell. Fejn xieraq, għandhom jiġu ddeżinjati awtorizzazzjonijiet ċari għall-kontroll tal-verżjonijiet għas-sidien tal-mudelli.

77. Abbażi ta' osservazzjonijiet u informazzjoni ġdida miksuba matul iż-żmien, mudell approvat jista' jiġi mmodifikat jew irtirat. L-istituzzjonijiet għandhom jartikolaw politiki għat-tranżizzjoni tal-mudell, inklużi awtorizzazzjonijiet għat-tibdil u għall-kontroll tal-verżjonijiet, u dokumentazzjoni.

78. L-istituzzjonijiet jistgħu joqgħodu fuq mudelli tal-IRRBB ta' partijiet terzi biex jiġġestixxu u jikkontrollaw l-IRRBB, dment li dawn il-mudelli jkunu adattati b'mod adegwat biex jirriflettu sew il-karatteristiki speċifiċi tal-istituzzjoni inkwistjoni. L-istituzzjonijiet huma mistennija li jifhmu b'mod sħiħ l-analitika, is-suppożizzjonijiet u l-metodoloġiji sottostanti tal-mudelli ta' partijiet terzi, u li jiżguraw li dawn ikunu integrati adegwatament fis-sistemi u l-proċessi globali ta' ġestjoni tar-riskju tal-istituzzjonijiet. Fejn partijiet terzi jipprovdu input għad-data tas-suq, għas-suppożizzjonijiet dwar l-imġiba jew għall-konfigurazzjonijiet tal-mudelli, l-istituzzjoni għandu jkollha proċess stabbilit biex tiddetermina jekk dawk l-inputs ikunux raġonevoli għan-negozju tagħha u għall-karatteristiki tar-riskju tal-attivitajiet tagħha. L-istituzzjonijiet għandhom jiżguraw li jkun hemm dokumentazzjoni adegwata tal-użu li jagħmlu minn mudelli ta' partijiet terzi, inkluż kwalunkwe adattament speċifiku.

79. Inputs jew suppożizzjonijiet rigward il-mudelli, kemm jekk joriġinaw minn proċessi interni ta' mmudellar kif ukoll jekk joriġinaw minn partijiet terzi, għandhom jiġu inklużi fil-proċess ta' validazzjoni. L-istituzzjoni għandha tiddokumenta u tispjega l-għażliet ta' speċifikazzjoni tal-mudell bħala parti mill-proċess ta' validazzjoni.

## 4.4 Kejl

### 4.4.1 Approċċ ġenerali għall-kejl tal-IRRBB

80. L-istituzzjonijiet għandhom jimplimentaw sistemi ta' kejl interni (IMSs) robusti li jkopru l-komponenti u s-sorsi kollha tal-IRRBB li huma rilevanti għall-mudell kummerċjali tal-istituzzjoni.

81. L-istituzzjonijiet għandhom ikejlu l-iskopertura tagħhom għall-IRRBB f'termini ta' bidliet potenzjali kemm fil-valur ekonomiku (EV) kif ukoll fil-qligħ. L-istituzzjonijiet għandhom jużaw karatteristiki komplementari taż-żewġ approċċi biex jaqbdu n-natura kumplessa tal-IRRBB fit-terminu qasir u fit-terminu twil. B'mod partikolari, l-istituzzjonijiet għandhom ikejlu u jimmonitorjaw (i) l-impatt globali ta' suppożizzjonijiet ewlenin fl-immudellar fuq il-kejl tal-IRRBB f'termini tal-kejl kemm tal-valur ekonomiku kif ukoll tal-qligħ, u (ii) l-IRRBB tad-derivattivi tar-rati tal-imgħax fil-portafoll bankarju tagħhom, fejn ikun rilevanti għall-mudell ta' negozju.

82. Jekk il-marġnijiet kummerċjali u komponenti oħra tal-firxa jiġu esklużi mill-kejl tal-valur ekonomiku, l-istituzzjonijiet għandhom (i) jużaw metodoloġija trasparenti biex jidentifikaw ir-rata mingħajr riskju fil-bidu ta' kull strument; u (ii) jużaw metodoloġija li tiġi applikata b'mod konsistenti għall-istrumenti kollha sensittivi għar-rati tal-imgħax u għall-unitajiet ta' negozju kollha.

83. Meta jikkalkulaw il-kejl tal-qligħ, l-istituzzjonijiet għandhom jinkludu marġnijiet kummerċjali.

84. L-istituzzjonijiet għandhom iqisu skoperturi improduttivi (bl-esklużjoni tad-dispożizzjonijiet) bħala strumenti sensittivi għar-rati tal-imgħax li jirriflettu l-flussi tal-flus mistennija u t-twaqqit tagħhom.

85. Meta jkejlu l-iskopertura tagħhom għall-IRRBB, l-istituzzjonijiet ma għandhomx jiddependu biss mill-kalkolu u l-eżiti tat-testijiet superviżorji tal-eċċezzjonijiet kif deskritti fit-Taqsima 4.5, u lanqas minn kwalunkwe test tal-eċċezzjonijiet addizzjonali żviluppat mill-awtorità kompetenti, iżda għandhom jiżviluppaw u jużaw is-suppożizzjonijiet u l-metodi ta' kalkolu tagħhom stess. Madankollu, it-testijiet superviżorji tal-eċċezzjonijiet għandhom ikunu integrati bis-sħiħ fil-qafas intern għall-ġestjoni tal-IRRBB u għandhom jintużaw bħala għodod komplementari għall-kejl tal-iskopertura għall-IRRBB.

### 4.4.2 Metodi għall-kejl tal-IRRBB

86. L-istituzzjonijiet ma għandhomx jiddependu minn kejl uniku tar-riskju, iżda minflok għandhom jużaw il-firxa ta' għodod u mudelli kwantitattivi li tikkorrispondi għall-iskopertura speċifika tagħhom għar-riskju. Għal dak il-għan, l-istituzzjonijiet għandhom iqisu l-applikazzjoni tal-

metodi elenkati fl-Anness I iżda mhux dawk biss, biex jiżguraw li d-diversi aspetti tar-riskju taċ-ċaqliq fir-rata tal-imgħax jiġu rreġistrati b'mod adegwat.

87.Il-limitazzjonijiet ta' kull għodda u mudell kwantitattiv li jintuża għandhom ikunu mifhuma bis-sħiħ mill-istituzzjoni, u dawn il-limitazzjonijiet għandhom jittieħdu inkunsiderazzjoni fil-proċess ta' ġestjoni tar-riskju tal-IRRBB. Meta jkunu qed jivvalutaw l-IRRBB, l-istituzzjonijiet għandhom ikunu konxji mir-riskji li jistgħu jirriżultaw bħala konsegwenza tat-trattament kontabilistiku tat-tranżazzjonijiet fil-portafoll mhux tan-negozjar.

88.L-istituzzjonijiet għandhom jidentifikaw u jkejlu l-komponenti kollha tal-IRRBB. Sabiex jidentifikaw il-komponenti differenti tal-IRRBB, l-istituzzjonijiet għandhom jikkunsidraw mill-inqas dawk l-approċċi li jidhru fit-Tabella 1.

**Tabella 1: Identifikazzjoni tas-sottokomponenti tar-riskju taċ-ċaqliq fir-rata tal-imgħax fil-portafoll mhux tan-negozjar**

| Komponent | Metodu | Fokus |
|---|---|---|
| **Riskju ta' diskrepanza** | Analiżi tad-diskrepanza | Il-volum ta' spariġġi f'meded ta' żmien differenti |
| | Durata parzjali tar-riskju tal-kurva tar-rendiment | Id-dispersjoni u l-konċentrazzjoni tal-ispariġġi f'meded ta' żmien differenti |
| **Riskju ta' bażi** | Inventarju ta' gruppi ta' strumenti bbażati fuq rati tal-imgħax differenti | Użu ta' derivattivi u ta' strumenti oħra ta' ħeġġjar f'termini ta' bażijiet differenti, konvessità differenti u differenza fit-twaqqit injorati mill-analiżi tad-diskrepanzi |
| Riskju tal-opzjonijiet (opzjonijiet awtomatiċi u komportamentali) | Inventarju tal-istrumenti kollha b'opzjonijiet inkorporati jew espliċiti | Opzjonijiet tal-imġiba<br>Il-volum ta' ipoteki, kontijiet kurrenti, tfaddil u depożiti fejn il-klijent ikollu l-possibbiltà li jiddevja mill-maturità kuntrattwali; il-volum ta' impenji bi prelevamenti mill-konsumatur sensittivi għar-rata tal-imgħax<br>Opzjonijiet awtomatiċi għar-rati tal-imgħax<br>Il-limiti superjuri u inferjuri inkorporati fl-attivi u fil-passivi; swapzjonijiet jew opzjonijiet ta' prepagament inkorporati f'attivi u passivi bl-ingrossa; u limiti superjuri, inferjuri u swapzjonijiet espliċiti |

89.Għall-kejl u l-monitoraġġ tal-IRRBB, l-istituzzjonijiet għandhom jużaw mill-inqas kejl wieħed ibbażat fuq il-qligħ u mill-inqas metodu wieħed ta' kejl tal-valur ekonomiku li, flimkien, ikopru l-komponenti kollha tal-IRRBB. Istituzzjonijiet kbar b'attivitajiet transkonfinali, b'mod partikolari

istituzzjonijiet li jaqgħu taħt il-Kategoriji 1 u 2 tal-Linji gwida dwar is-SREP, kif ukoll istituzzjonijiet b'mudelli ta' negozju sofistikati, għandhom jużaw bosta metodi ta' kejl, kif inhu speċifikat ulterjurment fl-Anness II.

### 4.4.3 Xenarji ta' xokk għar-rata tal-imgħax għall-ġestjoni kontinwa

90. Mill-inqas darba kull tliet xhur u aktar frekwentement fi żminijiet ta' volatilità ogħla fir-rati tal-imgħax jew ta' livelli ogħla ta' IRRBB, l-istituzzjonijiet għandhom ikejlu regolarment l-iskopertura tagħhom għall-IRRBB f'termini tal-valur ekonomiku u tal-qligħ taħt diversi xenarji ta' xokk għar-rati tal-imgħax, u dan għal bidliet potenzjali fil-livell u fil-forma tal-kurvi tar-rendiment tar-rati tal-imgħax u għal bidliet fir-relazzjoni bejn rati tal-imgħax differenti (jiġifieri riskju ta' bażi).

91. L-istituzzjonijiet għandhom iqisu wkoll jekk japplikawx approċċ kundizzjonali jew mhux kundizzjonali għall-immudellar tal-fluss tal-flus. Istituzzjonijiet akbar u aktar kumplessi, b'mod partikolari istituzzjonijiet li jaqgħu taħt il-Kategoriji 1 u 2 tal-Linji gwida dwar is-SREP, għandhom jieħdu inkunsiderazzjoni wkoll xenarji fejn jiġu kkomputati perkorsi differenti tar-rati tal-imgħax u fejn xi wħud mis-suppożizzjonijiet (eż. rigward l-imġiba, il-kontribut għar-riskju, u d-daqs u l-kompożizzjoni tal-karta tal-bilanċ) huma nfushom funzjonijiet ta' livelli ta' rati tal-imgħax li dejjem jinbidlu.

92. L-istituzzjonijiet għandhom jivvalutaw l-iskoperturi f'kull munita li fiha jkollhom xi pożizzjonijiet. Għall-iskoperturi għal muniti materjali, ix-xenarji ta' xokk tar-rati tal-imgħax għandhom ikunu speċifiki għall-munita u konsistenti mal-karatteristiki eknomiċi sottostanti. Fis-sistemi ta' kejl interni tagħhom, l-istituzzjonijiet għandhom jinkludu metodi biex jaggregaw l-IRRBB tagħhom f'muniti differenti. Fejn l-istituzzjonijiet jużaw suppożizzjonijiet dwar dipendenzi bejn ir-rati tal-imgħax f'muniti differenti, huma għandhom ikollhom il-livell neċessarju ta' ħiliet u sofistikazzjoni biex jagħmlu dan. L-istituzzjonijiet għandhom jieħdu inkunsiderazzjoni l-impatt tas-suppożizzjonijiet dwar dipendenzi bejn ir-rati tal-imgħax f'muniti differenti.

93. Meta jagħżlu xenarji ta' xokk tar-rati tal-imgħax, l-istituzzjonijiet għandhom iqisu dan li ġej:

(a) Li x-xenarji ta' xokk tar-rati tal-imgħax żviluppati internament minnhom stess ikunu proporzjonali man-natura, l-iskala u l-kumplessità tal-attivitajiet kif ukoll mal-profil ta' riskju tagħhom, filwaqt li jittieħdu inkunsiderazzjoni ċaqliq u bidliet f'daqqa u gradwali, paralleli u mhux paralleli, fil-kurvi tar-rendiment. Ix-xenarji għandhom ikunu bbażati fuq iċ-ċaqliq storiku u l-imġiba tar-rati tal-imgħax, kif ukoll fuq simulazzjonijiet ta' rati tal-imgħax futuri.

(b) Xenarji tar-rati tal-imgħax li jirriflettu bidliet fir-relazzjonijiet bejn ir-rati ewlenin tas-suq sabiex jindirizzaw ir-riskju ta' bażi.

(c) Is-sitt xenarji ta' xokk tar-rati tal-imgħax stipulati fl-Anness III.

(d) Kwalunkwe xenarju ta' xokk tar-rati tal-imgħax addizzjonali meħtieġ mis-superviżuri.

94. F'ambjenti tar-rati tal-imgħax baxxi, l-istituzzjonijiet għandhom iqisu wkoll xenarji tar-rati tal-imgħax negattivi u l-possibbiltà ta' effetti asimetriċi tar-rati tal-imgħax negattivi fuq l-istrumenti tagħhom li jkunu sensittivi għar-rati tal-imgħax.

95. Ir-riżultati tax-xenarji ta' xokk għandhom jalimentaw it-teħid ta' deċiżjonijiet fil-livell maniġerjali xieraq. Dan jinkludi deċiżjonijiet strateġiċi jew tan-negozju, l-allokazzjoni ta' kapital intern, u d-deċiżjonijiet dwar il-ġestjoni tar-riskju meħuda mill-korp ta' ġestjoni jew id-delegati tiegħu. Għandhom jitqiesu wkoll ir-riżultati meta jiġu stabbiliti u rieżaminati l-politiki u l-limiti għall-IRRBB.

### 4.4.4 Xenarji ta' stress fuq ir-rati tal-imgħax

96. L-ittestjar tal-istress tal-IRRBB għandu jitqies fl-ICAAP, fejn l-istituzzjonijiet għandhom iwettqu ttestjar tal-istress rigoruż li jħares 'il quddiem u li jidentifika l-konsegwenzi avversi potenzjali ta' bidliet severi fil-kundizzjonijiet tas-suq fuq il-kapital jew il-qligħ tagħhom, inkluż permezz ta' bidliet fl-imġiba tal-klijentela tagħhom. L-ittestjar tal-istress għall-IRRBB għandu jkun integrat fil-qafas globali tal-ittestjar tal-istress tal-istituzzjoni, inkluż l-ittestjar għal stress bl-invers, u għandu jkun proporzjonali man-natura, id-daqs, il-kumplessità, kif ukoll mal-attivitajiet ta' negozju u l-profil tar-riskju ġenerali.

97. L-ittestjar tal-istress tal-IRRBB għandu jitwettaq regolarment, mill-inqas kull sena u aktar frekwentement fi żminijiet ta' volatilità ogħla tar-rati tal-imgħax u ta' livelli ogħla ta' IRRBB.

98. Il-qafas tal-ittestjar tal-istress tal-IRRBB għandu jinkludi objettivi ddefiniti b'mod ċar, xenarji mfassla apposta għan-negozji u r-riskji tal-istituzzjoni, suppożizzjonijiet iddokumentati sew u metodoloġiji sodi.

99. F'testijiet tal-istress li jkopru intrapriżi sħaħ, għandha tiġi kkomputata l-interazzjoni tal-IRRBB ma' kategoriji oħra tar-riskju (eż. riskju ta' kreditu, riskju ta' likwidità, riskji tas-suq), kif ukoll kwalunkwe effett materjali indirett.

100. L-istituzzjonijiet għandhom iwettqu testijiet għal stress bl-invers sabiex (i) jidentifikaw xenarji tar-rati tal-imgħax li jistgħu jheddu b'mod sever il-kapital u l-qligħ ta' istituzzjoni; u (ii) jiżvelaw vulnerabbiltajiet li jirriżultaw mill-istrateġiji tagħha għall-iħħeġġjar u r-reazzjonijiet potenzjali fl-imġiba tal-klijenti tagħha.

101. Fl-ittestjar tal-vulnerabbiltajiet taħt kundizzjonijiet ta' stress, l-istituzzjonijiet għandhom jużaw ċaqliq u bidliet akbar u aktar estremi fir-rati tal-imgħax minn dawk li jintużaw għall-fini tal-ġestjoni kontinwa, inkluż mill-inqas dawn li ġejjin:

a) bidliet sostanzjali fir-relazzjonijiet bejn rati tas-suq ewlenin (riskju ta' bażi);

b) ċaqliq f'daqqa u sostanzjali fil-kurva tar-rendiment (kemm parallel kif ukoll mhux parallel);

c) ripartizzjonijiet tas-suppożizzjonijiet ewlenin dwar l-imġiba ta' klassijiet ta' attivi u passivi;

d) bidliet fis-suppożizzjonijiet ewlenin dwar il-korrelazzjoni bejn ir-rati tal-imgħax;

e) bidliet sinifikanti fil-kundizzjonijiet tas-suq u makro attwali u fl-ambjent kompetittiv u ekonomiku, u l-iżvilupp possibbli tagħhom; u

f) xenarji speċifiċi li jirrelataw mal-mudell u l-profil ta' negozju individwali tal-istituzzjoni.

102. Ir-riżultati tax-xenarji ta' stress għandhom jalimentaw it-teħid ta' deċiżjonijiet fil-livell maniġerjali xieraq. Dan jinkludi deċiżjonijiet strateġiċi jew tan-negozju, l-allokazzjoni ta' kapital intern, u d-deċiżjonijiet dwar il-ġestjoni tar-riskju meħuda mill-korp ta' ġestjoni jew id-delegati tiegħu. Għandhom jitqiesu wkoll ir-riżultati meta jiġu stabbiliti u rieżaminati l-politiki u l-limiti għall-IRRBB.

### 4.4.5 Suppożizzjonijiet dwar il-kejl

103. Meta jkejlu l-IRRBB, l-istituzzjonijiet għandhom jifhmu kompletament u jiddokumentaw suppożizzjonijiet ewlenin dwar l-imġiba u l-immudellar. Dawn is-suppożizzjonijiet għandhom ikunu allinjati mal-istrateġiji ta' negozju u jiġu ttestjati regolarment.

104. B'relazzjoni mal-kejl tal-IRRBB ibbażat kemm fuq il-valur ekonomiku kif ukoll il-qligħ, l-istituzzjonijiet għandhom jieħdu inkunsiderazzjoni s-suppożizzjonijiet li jsiru għall-finijiet tal-kwantifikazzjoni tar-riskju b'relazzjoni għal mill-inqas dawn l-oqsma li ġejjin:

a) l-eżerċitar ta' opzjonijiet tar-rati tal-imgħax (awtomatiċi jew komportamentali) kemm minn naħa tal-istituzzjoni kif ukoll minn naħa tal-klijent tagħha taħt xenarji speċifiċi ta' xokk u ta' stress fuq l-imgħax;

b) it-trattament tal-bilanċi u l-imgħax li jirriżultaw mill-NMDs;

c) it-trattament ta' depożiti ta' terminu fiss b'riskju ta' tifdija bikrija;

d) it-trattament ta' self b'rata fissa u impenji ta' self b'rata fissa;

e) it-trattament tal-ekwità proprja fil-kejl intern tal-valur ekonomiku;

f) l-implikazzjonijiet tal-prattiki kontabilistiċi għall-kejl tal-IRRBB, u b'mod partikolari l-effettività tal-kontabbiltà għall-iħħeġġjar.

105. Billi l-kundizzjonijiet tas-suq, l-ambjenti kompetittivi u l-istrateġiji jinbidlu matul iż-żmien, l-istituzzjonijiet għandhom jirrieżaminaw suppożizzjonijiet sinifikanti dwar il-kejl mill-inqas darba f'sena, u b'mod aktar frekwenti matul kundizzjonijiet tas-suq li jinbidlu rapidament.

**a) Suppożizzjonijiet dwar l-imġiba għall-kontijiet tal-klijenti b'opzjonalità inkorporata għall-klijent**

106. Meta jivvalutaw l-implikazzjonijiet tal-opzjonalità, l-istituzzjonijiet għandhom jieħdu kont:

(a) Tal-impatt potenzjali fuq il-veloċitajiet ta' prepagament ta' self attwali u futur li jirriżulta mix-xenarju tar-rati tal-imgħax, mill-ambjent ekonomiku sottostanti u mill-karatteristiki kuntrattwali. L-istituzzjonijiet għandhom jieħdu inkunsiderazzjoni d-diversi dimensjonijiet li jinfluwenzaw l-opzjonijiet komportamentali inkorporati.

(b) L-elastiċità tal-aġġustament tar-rati tal-prodotti għall-bidliet fir-rati tal-imgħax tas-suq.

(c) l-migrazzjoni tal-bilanċi bejn tipi ta' prodotti b'riżultat ta' bidliet fil-karatteristiki, fit-termini u l-kundizzjonijiet tagħhom.

107. L-istituzzjonijiet għandhom ikollhom stabbiliti politiki li jirregolaw l-issettjar u l-valutazzjoni regolari tas-suppożizzjonijiet ewlenin għat-trattament ta' entrati li jidhru u li ma jidhrux fil-karta tal-bilanċ li jkollhom opzjonijiet inkorporati fil-qafas tagħhom tar-riskju taċ-ċaqliq fir-rata tal-imgħax. Dan ifisser li l-istituzzjonijiet għandhom:

(a) jidentifikaw il-prodotti u l-elementi materjali kollha soġġetti għal opzjonijiet inkorporati li jistgħu jaffettwaw jew ir-rata tal-imgħax iddebitata jew inkella d-data tal-ipprezzar mill-ġdid komportamentali (minflok id-data tal-maturità kuntrattwali) tal-bilanċi rilevanti;

(b) ikollhom strateġiji xierqa ta' pprezzar u ta' mitigazzjoni tar-riskji (eż. l-użu ta' derivattivi) sabiex jiġġestixxu l-impatt tal-opzjonalità fi ħdan il-predispożizzjoni għar-riskju, li jistgħu jinkludu penali għat-tifdija bikrija li jiġu ddebitati lill-klijent bħala tpaċija għall-ispejjeż ta' terminazzjoni potenzjali (fejn ikun permess);

(c) jiżguraw li l-immudellar ta' suppożizzjonijiet ewlenin dwar l-imġiba jkun ġustifikabbli b'relazzjoni mad-data storika ta' bażi, u bbażat fuq ipoteżi prudenti;

(d) ikunu kapaċi juru li għandhom immudellar preċiż (ittestjat b'mod retrospettiv mal-esperjenza);

(e) iżommu dokumentazzjoni xierqa dwar is-suppożizzjonijiet fil-politiki u l-proċeduri tagħhom, u jkollhom proċess biex iżommuhom taħt rieżami;

(f) jifhmu s-sensittività tal-outputs tal-kejl tar-riskju tal-istituzzjoni għal dawn is-suppożizzjonijiet, inkluż li jwettqu ttestjar tal-istress tas-suppożizzjonijiet u li jieħdu inkunsiderazzjoni r-riżultati ta' dawn it-testijiet fid-deċiżjonijiet dwar l-allokazzjoni tal-kapital intern; u

(g) iwettqu validazzjoni interna regolari ta' dawn is-suppożizzjonijiet biex jivverifikaw l-istabbiltà tagħhom maż-żmien u jaġġustawhom jekk ikun meħtieġ.

**b) Suppożizzjonijiet dwar l-imġiba għal kontijiet tal-klijenti mingħajr dati speċifiċi għall-ipprezzar mill-ġdid**

108. Meta jagħmlu suppożizzjonijiet dwar l-imġiba fil-konfront tal-kontijiet mingħajr dati speċifiċi ta' pprezzar mill-ġdid għall-finijiet ta' ġestjoni tar-riskju taċ-ċaqliq fir-rata tal-imgħax, l-istituzzjonijiet għandhom:

(a) Ikunu jistgħu jidentifikaw bilanċi "ewlenin", jiġifieri depożiti li jkunu stabbli u li x'aktarx ma jiġux ipprezzati mill-ġdid anke taħt bidliet sinifikanti fl-ambjent tar-rata tal-imgħax, u/jew depożiti oħra li l-elastiċità limitata tagħhom għal bidliet fir-rata tal-imgħax tista' tiġi mmudellata mill-banek.

(b) Is-suppożizzjonijiet rigward l-immudellar għal dawn id-depożiti għandhom jirriflettu l-karatteristiċi tad-depożitur (eż. bl-imnut/bl-ingrossa) u l-karatteristiċi tal-kont (eż. tranżazzjonali/mhux tranżazzjonali). Hawn taħt tista' tinstab deskrizzjoni ta' livell għoli tal-kategoriji deskritti hawn fuq:

i. Depożiti tranżazzjonali bl-imnut jinkludu kontijiet mingħajr imgħax u kontijiet oħra bl-imnut li l-komponent ta' remunerazzjoni tagħhom mhuwiex rilevanti fid-deċiżjoni tal-klijent li jżomm xi flus fil-kont.

ii. Depożiti tranżazzjonali mhux bl-imnut jinkludu kontijiet bl-imnut (inklużi dawk regolati) li l-komponent ta' remunerazzjoni tagħhom ikun rilevanti fid-deċiżjoni tal-klijent li jżomm xi flus fil-kont.

iii. Depożiti bl-ingrossa jinkludu kontijiet minn klijenti korporattivi u klijenti bl-ingrossa oħra, bl-esklużjoni ta' kontijiet interbankarji jew kontijiet oħra kompletament sensittivi għall-prezz.

(c) Jivvalutaw il-migrazzjoni potenzjali bejn depożiti mingħajr dati speċifiċi għall-ipprezzar mill-ġdid u depożiti oħra li, taħt xenarji differenti ta' rati tal-imgħax, jistgħu jimmodifikaw suppożizzjonijiet għall-immudellar ibbażati fuq l-imġiba.

(d) Iqisu r-restrizzjonijiet potenzjali fuq l-ipprezzar mill-ġdid ta' depożiti bl-imnut f'ambjenti ta' rati tal-imgħax baxxi jew negattivi.

(e) Jiżguraw li s-suppożizzjonijiet dwar it-tnaqqis tal-bilanċi ewlenin jew bilanċi mmudellati oħra jkunu prudenti u xierqa fl-ibbilanċjar tal-benefiċċji bi tqabbil mal-qligħ kontra r-riskju addizzjonali għall-valur ekonomiku involut fl-iffissar ta' redditu futur fuq ir-rata tal-imgħax fuq l-assi ffinanzjati minn dawn il-bilanċi, u d-dħul potenzjali mitluf f'ambjent b'rati tal-imgħax li jkunu qed jogħlew.

(f) Ma joqgħodux esklużivament fuq metodi statistiċi jew kwantitattivi biex jiddeterminaw id-dati għall-ipprezzar mill-ġdid skont l-imġiba u l-profil tal-fluss tal-flus tal-NMDs. Barra minn hekk, id-determinazzjoni tas-suppożizzjonijiet xierqa dwar l-immudellar għall-NMDs jista'

jeħtieġ il-kollaborazzjoni ta' esperti differenti fi ħdan istituzzjoni (eż. id-dipartiment għall-ġestjoni tar-riskju u għall-kontroll tar-riskju, id-dipartimenti tal-bejgħ u tat-teżor).

(g) Ikollhom dokumentazzjoni xierqa dwar dawn is-suppożizzjonijiet fil-politiki u l-proċeduri tagħhom, u proċess biex iżommuhom taħt rieżami.

(h) Jifhmu l-impatt tas-suppożizzjonijiet fuq l-outputs proprji magħżula tal-kejl tar-riskju tal-istituzzjoni u fuq id-deċiżjonijiet interni dwar l-allokazzjoni tal-kapital, inkluż billi perjodikament jikkalkulaw analiżijiet tas-sensittività fuq parametri ewlenin (eż. perċentwal u maturità tal-bilanċi ewlenin fuq il-kontijiet u r-rata pass-through) u fuq il-miżuri bl-użu ta' termini kuntrattwali minflok suppożizzjonijiet dwar l-imġiba, biex jiżolaw l-impatt tas-suppożizzjonijiet kemm fuq il-valur ekonomiku kif ukoll fuq il-qligħ.

(i) Iwettqu ttestjar tal-istress biex jifhmu s-sensittività tal-kejl magħżul tar-riskju għal bidliet fis-suppożizzjonijiet ewlenin, filwaqt li jieħdu inkunsiderazzjoni r-riżultati ta' dawn it-testijiet fid-deċiżjonijiet interni dwar l-allokazzjoni tal-kapital.

**c) Suppożizzjonijiet tal-ippjanar korporattiv għall-kapital ta' ekwità proprju**

109. Fejn l-istituzzjonijiet jiddeċiedu li jadottaw politika maħsuba biex tistabbilizza l-qligħ li jirriżulta mill-ekwità proprja tagħhom, huma għandhom:

(a) ikollhom metodoloġija xierqa biex jiddeterminaw liema elementi tal-kapital ta' ekwità għandhom jitqiesu bħala eliġibbli għal dan it-trattament;

(b) jiddeterminaw xi jkun profil prudenti ta' maturità tal-investimenti għall-kapital ta' ekwità eliġibbli li jibbilanċja l-benefiċċji tal-istabbilizzazzjoni tal-introjtu li jirriżultaw mit-teħid ta' pożizzjonijiet ta' redditu fiss aktar fit-tul, bi tqabbil mas-sensittività tal-valur ekonomiku addizzjonali ta' dawk il-pożizzjonijiet taħt stress fuq ir-rati tal-imgħax, u mar-riskju ta' prestazzjoni insuffiċjenti tal-qligħ jekk jogħlew ir-rati;

(c) jinkludu dokumentazzjoni xierqa dwar dawn is-suppożizzjonijiet fil-politiki u l-proċeduri tagħhom, u jinkludu proċess biex iżommuhom taħt rieżami;

(d) jifhmu l-impatt tal-profil ta' maturità magħżul fuq l-outputs tal-kejl tar-riskju magħżula mill-istituzzjoni stess, inkluż b'kalkolu regolari tal-kejl mingħajr l-inklużjoni tal-kapital ta' ekwità sabiex jiġu iżolati l-effetti kemm fuq l-EVE kif ukoll fuq il-perspettivi tal-qligħ; u

(e) iwettqu ttestjar tal-istress biex jifhmu s-sensittività tal-kejl tar-riskju għal bidliet fis-suppożizzjonijiet ewlenin għall-kapital ta' ekwità, filwaqt li jieħdu inkunsiderazzjoni r-riżultati ta' dawn it-testijiet fid-deċiżjonijiet interni tagħhom dwar l-allokazzjoni tal-kapital għall-IRRBB.

110. Meta jkunu qed jiddeċiedu s-suppożizzjonijiet dwar it-terminu tal-investiment għall-kapital tal-ekwità, l-istituzzjonijiet għandhom jevitaw li jieħdu pożizzjonijiet ta' stabbilizzazzjoni tal-

introjtu li jnaqqsu b'mod sinifikanti l-kapaċità tagħhom li jaġġustaw għal bidliet sinifikanti fl-ambjent ekonomiku u ta' negozju sottostanti.

111. Is-suppożizzjonijiet dwar it-terminu tal-investiment li jintużaw biex jiġu ġestiti r-riskji għall-qligħ u s-sensittività tal-valur ekonomiku, li jirriżultaw mill-kapital ta' ekwità, għandhom jitqiesu bħala parti miċ-ċiklu normali tal-ippjanar korporattiv, u dawn is-suppożizzjonijiet ma għandhomx jinbidlu sempliċiment biex jirriflettu bidla fl-aspettattivi tal-istituzzjoni dwar il-perkors tar-rati tal-imgħax fil-futur. Kwalunkwe użu ta' portafolli ta' derivattivi jew ta' assi biex jinkiseb il-profil ta' investiment mixtieq għandu jiġi ddokumentat u rreġistrat b'mod ċar.

112. Fejn istituzzjoni ma tkunx issettjat suppożizzjonijiet espliċiti għat-terminu ta' investiment tal-kapital ta' ekwità jew tissettja suppożizzjonijiet li jkunu espliċitament fuq terminu qasir, l-istituzzjoni għandha tiżgura li s-sistemi u l-informazzjoni għall-maniġment tagħha jkunu jistgħu jidentifikaw l-implikazzjonijiet tal-approċċ magħżul tagħha fuq il-volatilità kemm tal-qligħ kif ukoll tal-valur ekonomiku.

## 4.5 Test superviżorju tal-eċċezzjonijiet

113. L-istituzzjonijiet għandhom jikkalkulaw regolarment, mill-inqas darba kull tliet xhur, l-impatt fuq l-EVE tagħhom ta' ċaqliq parallel f'daqqa ta' +/- 200 punt fil-kurva tar-rendiment. L-istituzzjonijiet għandhom jirrappurtaw regolarment lill-awtorità kompetenti, mill-inqas darba f'sena, il-bidla fl-EVE li tirriżulta mill-kalkolu. Fejn it-tnaqqis fl-EVE ikun aktar minn 20 % tal-fondi proprji tal-istituzzjoni, l-istituzzjoni għandha tinforma lill-awtorità kompetenti minnufih.

114. L-istituzzjonijiet għandhom jikkalkulaw regolarment, mill-inqas darba kull tliet xhur, l-impatt fuq l-EVE tagħhom ta' xokkijiet fuq ir-rati tal-imgħax, billi japplikaw ix-xenarji 1 sa 6 kif stipulati fl-Anness III. L-istituzzjonijiet għandhom jirrappurtaw regolarment lill-awtorità kompetenti, mill-inqas darba f'sena permezz tar-rapport tal-ICAAP, il-bidla fl-EVE li tirriżulta mill-kalkolu. Fejn it-tnaqqis fl-EVE ikun aktar minn 15% tal-kapital ta' Livell 1 tal-istituzzjoni fi kwalunkwe wieħed mis-sitt xenarji, l-istituzzjoni għandha tinforma lill-awtorità kompetenti.

115. Meta jikkalkulaw il-bidla fl-EVE għall-fini tal-paragrafi 113 u 114, l-istituzzjonijiet għandhom japplikaw, b'mod partikolari, il-prinċipji li ġejjin:

(a) Għandhom jittieħdu inkunsiderazzjoni l-pożizzjonijiet kollha mill-istrumenti sensittivi għar-rati tal-imgħax.

(b) Negozju żgħir fil-portafoll tan-negozjar għandu jiġi inkluż, dment li r-riskju taċ-ċaqliq fir-rata tal-imgħax tiegħu ma jkunx irreġistrat f'kejl tar-riskju ieħor.

(c) L-istrumenti kollha tas-CET1 u fondi proprji perpetwi oħra mingħajr dati eżerċitabbli għandhom jiġu esklużi mill-kalkolu tat-test standard tal-eċċezzjonijiet għall-EVE.

(d) L-istituzzjonijiet għandhom jirriflettu opzjonijiet awtomatiċi u komportamentali fil-kalkolu. L-istituzzjonijiet għandhom jaġġustaw is-suppożizzjonijiet ewlenin għall-immudellar skont l-imġiba għall-karatteristiċi ta' xenarji differenti tar-rati tal-imgħax.

(e) Obbligazzjonijiet tal-pensjoni u assi ta' pjanijiet tal-pensjoni għandhom jiġu inklużi, dment li r-riskju taċ-ċaqliq fir-rata tal-imgħax tagħhom ma jkunx irreġistrat f'kejl tar-riskju ieħor.

(f) Il-flussi tal-flus mill-istrumenti sensittivi għar-rati tal-imgħax għandhom jinkludu kwalunkwe ħlas lura tas-somma kapitali ewlenija, kwalunkwe pprezzar mill-ġdid tas-somma kapitali ewlenija, u kwalunkwe pagament tal-imgħax.

(g) Istituzzjonijiet bi proporzjon ta' NPE[8] ta' 2 % jew aktar għandhom jinkludu l-NPEs bħala strumenti ġenerali sensittivi għar-rati tal-imgħax li l-immudellar tagħhom għandu jirrifletti l-flussi tal-flus mistennija u t-twaqqit tagħhom. L-NPEs għandhom jiġu inklużi mingħajr id-dispożizzjonijiet.

(h) L-istituzzjonijiet għandhom iqisu limiti inferjuri għall-imgħax li jkunu speċifiċi għall-istrumenti.

(i) It-trattament ta' marġnijiet kummerċjali u ta' komponenti oħra tal-firxa fil-pagamenti tal-imgħax, f'termini tal-esklużjoni jew l-inklużjoni tagħhom fil-flussi tal-flus, għandu jkun konformi mal-approċċ intern ta' ġestjoni u ta' kejl tal-istituzzjonijiet għar-riskju taċ-ċaqliq fir-rata tal-imgħax fil-portafoll mhux tan-negozjar. L-istituzzjonijiet għandhom jinnotifikaw lill-awtorità kompetenti irrispettivament minn jekk jeskludux mill-kalkolu l-marġnijiet kummerċjali u komponenti oħra tal-firxa. Jekk il-marġnijiet kummerċjali u komponenti oħra tal-firxa jiġu esklużi, l-istituzzjonijiet għandhom (i) jużaw metodoloġija trasparenti għall-identifikazzjoni tar-rata mingħajr riskju fil-bidu ta' kull strument; (ii) jużaw metodoloġija li tiġi applikata b'mod konsistenti fl-unitajiet kummerċjali kollha; u (iii) jiżguraw li l-esklużjoni tal-marġnijiet kummerċjali u komponenti oħra tal-firxa mill-flussi tal-flus tkun konsistenti ma' kif l-istituzzjoni tiġġestixxi u tiħħeġġja l-IRRBB.

(j) Il-bidla fl-EVE għandha tiġi kkomputata bis-suppożizzjoni ta' karta tal-bilanċ "run-off".

(k) Limitu inferjuri għar-rati tal-imgħax wara x-xokk u dipendenti fuq il-maturità għandu jiġi applikat għal kull munita li tibda b'-100 punt bażi għal maturitajiet immedjati. Dan il-limitu inferjuri għandu jiżdied b'5 punti bażi kull sena, fejn eventwalment jilħaq 0 % għal maturitajiet ta' 20 sena jew aktar. Jekk ir-rati osservati jkunu aktar baxxi mir-rata referenzjarja inferjuri attwali ta' -100 punt bażi, l-istituzzjonijiet għandhom japplikaw ir-rata osservata inferjuri[9].

---

[8] Proporzjon ta' skoperturi improduttivi (titoli ta' dejn u self u avvanzi improduttivi/titoli ta' dejn u self u avvanzi gross totali) ikkalkulat fil-livell tal-istituzzjoni.

[9] L-EBA tista' tipprevedi r-reviżjoni ta' dan il-limitu minimu biex tiżgura li r-rata ta' referenza inferjuri tkun prudenti biżżejjed fid-dawl ta' żviluppi fir-rati tal-imgħax fil-ġejjieni.

(l) L-istituzzjonijiet għandhom jikkalkulaw il-bidla fl-EVE mill-inqas għal kull munita fejn l-attivi jew il-passivi iddenominati f'dik il-munita jammontaw għal 5 % jew aktar tal-attivi finanzjarji (minbarra attivi tanġibbli) jew tal-passivi totali fil-portafoll mhux tan-negozjar, jew inkella inqas minn 5 % jekk it-total tal-attivi u l-passivi inklużi fil-kalkolu ikun inqas minn 90 % tal-attivi finanzjarji (minbarra attivi tanġibbli) jew tal-passivi (pożizzjonijiet materjali) totali fil-portafoll mhux tan-negozjar.

(m) Meta jikkalkulaw il-bidla aggregata fl-EVE għal kull xenarju ta' xokk fuq ir-rati tal-imgħax, l-istituzzjonijiet għandhom jgħoddu flimkien kwalunkwe bidliet negattivi u pożittivi fl-EVE li jseħħu f'kull munita. Bidliet pożittivi għandhom jiġu pponderati b'fattur ta' 50 %.

(n) Għandha tiġi applikata kurva tar-rendiment "mingħajr riskju" ġenerali xierqa għal kull munita (eż. kurvi tar-rata swap). Dik il-kurva ma għandhiex tinkludi firxiet ta' kreditu jew firxiet ta' likwidità speċifiċi għall-istrumenti jew speċifiċi għall-entitajiet.

(o) Id-data preżunta għall-ipprezzar mill-ġdid skont l-imġiba għal depożiti bl-imnut u depożiti bl-ingrossa mhux finanzjarji mingħajr dati speċifiċi għall-ipprezzar mill-ġdid (depożiti mingħajr maturità), għandha tkun ristretta għal medja massima ta' ħames snin. Il-limitu ta' 5 snin japplika individwalment għal kull munita. Depożiti mingħajr maturità minn istituzzjonijiet finanzjarji ma għandhomx ikunu soġġetti għal immudellar skont l-imġiba.

116. Meta jkunu qed jikkomputaw l-effetti tat-test standard tal-eċċezzjonijiet għall-EVE, l-istituzzjonijiet għandhom jużaw il-metodi ta' kalkolu stipulati taħt l-intestaturi tal-valur ekonomiku tal-ekwità fl-Anness I u fl-Anness II.

# Anness I — Metodi ta' kejl tal-IRRBB

| Immudellar tal-fluss tal-flus | Metrika | Deskrizzjoni | Riskji maqbuda | Limitazzjonijiet tal-metrika |
|---|---|---|---|---|
| **Flussi tal-flus mhux kundizzjonali** (huwa preżunt li t-*twaqqit* tal-flussi tal-flus huwa indipendenti mix-xenarju speċifiku tar-rati tal-imgħax) | **Ibbażat fuq il-qligħ:**<br>• Analiżi tad-diskrepanza: Diskrepanza fl-ipprezzar mill-ġdid | L-analiżi tad-diskrepanza talloka l-istrumenti rilevanti kollha li huma sensittivi għar-rati tal-imgħax f'taqsimiet tal-ħin predefiniti skont id-dati tal-ipprezzar mill-ġdid jew id-dati ta' maturità tagħhom, li huma jew iffissati kuntrattwalment jew inkella bbażati fuq suppożizzjonijiet dwar l-imġiba. Hija tikkalkula l-pożizzjonijiet netti ("diskrepanzi" f'kull taqsima tal-ħin. Hija tapprossima l-bidla fl-introjtu nett mir-rati tal-imgħax li jirriżulta minn ċaqliq fil-kurva tar-rendiment billi timmultiplika kull pożizzjoni netta bil-bidla korrispondenti fir-rata tal-imgħax. | Riskju ta' diskrepanza (riskju parallel biss) | • Il-metrika tapprossima r-riskju ta' diskrepanza b'mod lineari biss.<br>• Hija bbażat fuq is-suppożizzjoni li l-pożizzjonijiet kollha fi ħdan taqsima tal-ħin partikolari jimmaturaw jew jiġu pprezzati mill-ġdid fl-istess ħin.<br>• Hija ma tkejjilx ir-riskju ta' bażi u r-riskju tal-opzjonijiet. |
| | **Valur ekonomiku:**<br>• Analiżi tad-durata: Durata modifikata /PV01 tal-ekwità | Id-durata modifikata tapprossima l-bidla relattiva fil-valur nett preżenti ta' strument finanzjarju dovuta għal ċaqliq parallel marġinali ta' punt perċentwali wieħed fil-kurva tar-rendiment. Id-*durata ta' ekwità modifikata* tkejjel l-iskopertura ta' istituzzjoni għar-riskju ta' diskrepanza fil-portafoll mhux tan-negozjar tagħha. Il-PV01 tal-ekwità huwa dderivat mid-durata modifikata tal-ekwità u jkejjel il-bidla assoluta fil-valur tal-ekwità li tirriżulta minn ċaqliq parallel ta' punt bażi wieħed (0.01 %) fil-kurva tar-rendiment.<br><br>Il-punt tat-tluq huwa l-allokazzjoni tal-flussi tal-flus kollha ta' strumenti sensittivi għar-rati tal-imgħax f'taqsimiet tal-ħin. Għal kull tip ta' strument, tintgħażel kurva tar-rendiment xierqa. Id-durata modifikata ta' kull strument hija kkalkulata mill-bidla fil-valur preżenti nett tiegħu dovuta għal ċaqliq parallel ta' punt perċentwali wieħed fil-kurva tar-rendiment. Id-durata modifikata tal-ekwità hija ddeterminata bħala d-durata modifikata tal-assi multiplikata bl-assi | Riskju ta' diskrepanza (riskju parallel biss) | • Il-metrika tapplika biss għal ċaqliq marġinali fil-kurva tar-rendiment. Fil-preżenza ta' konvessivitajiet, hija tista' tistma b'mod insuffiċjenti l-effett ta' ċaqliq kbir fir-rati tal-imgħax<br>• Din tapplika biss għal ċaqliq parallel fil-kurva tar-rendiment<br>• Hija ma tkejjilx ir-riskju tal-opzjonijiet u tkopri r-riskju ta' bażi parzjalment biss. |

| Immudellar tal-fluss tal-flus | Metrika | Deskrizzjoni | Riskji maqbuda | Limitazzjonijiet tal-metrika |
|---|---|---|---|---|
| | | u diviża bl-ekwità, bit-tnaqqis tad-durata modifikata tal-obbligazzjonijiet multiplikata bl-obbligazzjonijiet u diviża bl-ekwità. Il-PV01 tal-ekwità jinkseb permezz tal-multiplikazzjoni tad-durata modifikata tal-ekwità bil-valur tal-ekwità (jiġifieri assi bit-tnaqqis tal-obbligazzjonijiet), u b'diviżjoni b'10 000 biex tinkiseb il-bidla fil-valur għal kull punt bażi. | | |
| | • Durata modifikata parzjalment/PV01 parzjali | Id-durata parzjalment modifikata ta' strument għal taqsima speċifika tal-ħin hija kkalkulata bħala d-durata modifikata ta' hawn fuq, minbarra li mhux il-kurva tar-rendiment kollha tiċċaqlaq b'mod parallel, iżda biss dak is-segment tal-kurva tar-rendiment li jikkorrispondi għat-taqsima tal-ħin. Dan il-kejl parzjali juri s-sensittività tal-valur tas-suq tal-portafoll bankarju għal ċaqliq marġinali fil-kurva tar-rendiment, b'mod partikolari f'segmenti ta' maturità. Jista' jiġi applikat ċaqliq ta' daqs differenti għall-kejl parzjali ta' kull taqsima tal-ħin, b'mod li bih l-effett ta' bidla fil-forma tal-kurva tar-rendiment ikun jista' jiġi komputat għall-portafoll intier. | Riskju ta' diskrepanza (riskju parallel u mhux parallel) | • Il-metrika tapplika biss għal bidliet marġinali fir-rati tal-imgħax. Fil-preżenza ta' konvessività, il-metrika tista' tistma b'mod insuffiċjenti l-effett ta' ċaqliq kbir fir-rati tal-imgħax.<br>• Hija ma tkejjilx ir-riskju ta' bażi u r-riskju tal-opzjonijiet. |
| **Flussi tal-flus parzjalment jew kompletament kundizzjonali fuq ix-xenarju tar-rati tal-imgħax** (huwa preżunt li t-*twaqqit* tal-flussi tal-flus ta' opzjonijiet, ta' strumenti b'opzjonijiet inkorporati u espliċiti u – f'approċċi aktar sofistikati – ta' | <u>**Ibbażat fuq il-qligħ:**</u> Fokus fuq il-komponent tal-introjtu mill-imgħax nett (NII):<br>• Bidla fin-NII | Il-bidla fin-NII hija metrika bbażata fuq il-qligħ u tkejjel il-bidla fl-introjtu mill-imgħax nett tul medda ta' żmien partikolari (normalment minn sena sa ħames snin) li tirriżulta minn ċaqliq f'daqqa jew gradwali fir-rati tal-imgħax.<br>Il-punt tat-tluq huwa l-immappjar tal-flussi tal-flus kollha ta' strumenti sensittivi għar-rati tal-imgħax f'taqsimiet tal-ħin (granulużi) (jew bl-użu tad-dati eżatti tal-ipprezzar mill-ġdid ta' pożizzjonijiet individwali f'sistemi aktar sofistikati).<br><br>Ix-xenarju bażi għall-kalkoli jirrifletti l-pjan korporattiv attwali tal-istituzzjoni biex tagħmel projezzjoni tal-volum, tad-dati tal-ipprezzar u tal-ipprezzar mill-ġdid ta' tranżazzjonijiet kummerċjali fil-futur. Ir-rati tal-imgħax użati biex jiġu kkalkulati l-flussi tal-flus fil-futur fix-xenarju bażi huma dderivati mir-rati forward, mill-firxiet xierqa jew mir-rati tas-suq mistennija għal strumenti differenti. | Riskju ta' diskrepanza (parallel u mhux parallel), riskju ta' bażi u, dment li l-flussi tal-flus *kollha* jkunu mmudellati b'mod dipendenti mix-xenarju, riskju tal-opzjonijiet ukoll | • Sensittività tal-eżitu għas-suppożizzjonijiet għall-immudellar u dwar l-imġiba<br>• Kumplessità |

| Immudellar tal-fluss tal-flus | Metrika | Deskrizzjoni | Riskji maqbuda | Limitazzjonijiet tal-metrika |
|---|---|---|---|---|
| strumenti li l-maturità tagħhom tiddependi mill-imġiba tal-klijent, huwa mmudellat b'mod kundizzjonali fuq ix-xenarju tar-rati tal-imgħax) | | Meta jivvalutaw sa fejn kapaċi jwasslu xi bidliet fin-NII, il-banek jużaw suppożizzjonijiet u mudelli biex ibassru l-perkors tar-rati tal-imgħax, ir-"run off" tal-assi, l-obbligazzjonijiet u l-entrati li ma jidhrux fil-karta tal-bilanċ eżistenti, u s-sostituzzjoni potenzjali tagħhom.<br><br>Metriki bbażati fuq il-qligħ jistgħu jiġu ddifferenzjati skont is-sofistikazzjoni tal-projezzjoni ta' flussi tal-flus fil-futur: *mudelli "run-off"* sempliċi jassumi li l-attivi u l-passivi eżistenti jimmaturaw mingħajr sostituzzjoni; *mudelli kostanti tal-karta tal-bilanċ* jassumu li l-attivi u l-passivi li jimmaturaw jiġu sostitwiti minn strumenti identiċi; filwaqt li l-*mudelli dinamiċi l-aktar kumplessi tal-flussi tal-flus* jirriflettu r-rispons tan-negozju għal ambjenti differenti tar-rati tal-imgħax fid-daqs u l-kompożizzjoni tal-portafoll bankarju.<br><br>Il-metrika kollha bbażata fuq il-qligħ tista' tintuża f'xenarju jew f'analiżi stokastika. Il-qligħ f'riskju (EaR) huwa eżempju ta' din tal-aħħar, li tkejjel il-bidla massima fl-NII f'livell ta' fiduċja partikolari. | | |
| | **<u>Valur ekonomiku:</u>** Fokus fuq il-valur ekonomiku tal-ekwità (EVE)<br>• Bidla fl-EVE | Il-bidla fl-EVE hija l-bidla fil-valur nett attwali tal-flussi tal-flus kollha li joriġinaw mill-assi, l-obbligazzjonijiet u l-entrati li ma jidhrux fil-karta tal-bilanċ fil-portafoll bankarju li jirriżultaw minn bidla fir-rati tal-imgħax, bis-suppożizzjoni li l-pożizzjonijiet kollha fil-portafoll bankarju jiġu likwidati.<br><br>Ir-riskju taċ-ċaqliq fir-rata tal-imgħax jista' jiġi vvalutat permezz ta' ΔEVE għal xenarji speċifiċi tar-rati tal-imgħax, jew inkella permezz tad-distribuzzjoni ta' ΔEVE bl-użu ta' simulazzjonijiet Monte Carlo jew storiċi. Il-valur ekonomiku f'riskju (EVaR) huwa eżempju ta' din tal-aħħar, li tkejjel il-bidla massima fil-valur tal-ekwità għal livell ta' fiduċja partikolari. | Riskju ta' diskrepanza (parallel u mhux parallel), riskju ta' bażi u, jekk il-flussi tal-flus *kollha* jkunu mmudellati b'mod dipendenti fuq ix-xenarju, riskju tal-opzjonijiet ukoll | • Sensittività tal-eżitu għas-suppożizzjonijiet għall-immudellar u dwar l-imġiba<br>• Metrika stokastika, li tapplika suppożizzjoni distribuzzjonali, tista' ma taqbadx riskji ta' telf u tendenzi mhux lineari<br>• Approċċi Monte Carlo ta' rivalutazzjoni sħiħa jeħtieġu ammont qawwi ta' komputazzjoni u jistgħu ma jkunux interpretati faċilment ("black-box")<br>• Kumplessità |

# Anness II – Matriċi ta' sofistikazzjoni għall-kejl tal-IRRBB

Fil-kejl tar-riskju tagħhom, l-istituzzjonijiet għandhom japplikaw mill-inqas il-livell ta' sofistikazzjoni li jidher fit-tabella hawn taħt li jikkorrispondi għall-kategorizzazzjoni tagħhom taħt il-Linji gwida dwar is-SREP. Fejn il-kumplessità jew l-ambitu ta' mudell ta' negozju ta' istituzzjoni jkunu sinifikanti, irrispettivament mid-daqs tagħha, l-istituzzjoni għandha tapplika u timplimenta kejl tar-riskju li jikkorrispondi għall-mudell kummerċjali speċifiku tagħha u li jaqbad is-sensittivitajiet kollha b'mod adegwat. Is-sensittivitajiet materjali kollha għall-bidliet fir-rati tal-imgħax għandhom jinqabdu b'mod adegwat, inkluża s-sensittività għas-suppożizzjonijiet dwar l-imġiba.

Istituzzjonijiet li joffru prodotti finanzjarji li jinkludu opzjonalitajiet inkorporati għandhom jużaw sistemi ta' kejl li jistgħu jaqbdu b'mod adegwat id-dipendenza tal-opzjonijiet fuq il-bidliet fir-rati tal-imgħax. Istituzzjonijiet bi prodotti li jipprovdu opzjonalitajiet komportamentali lill-klijenti għandhom jużaw approċċi kundizzjonali adegwati għall-immudellar tal-fluss tal-flus, biex jikkwantifikaw l-IRRBB fir-rigward tal-bidliet fl-imġiba tal-klijenti li jistgħu jseħħu f'xenarji differenti ta' stress fuq ir-rati tal-imgħax.

L-erba' kategoriji msemmija fit-tabella ta' sofistikazzjoni hawn taħt jirriflettu l-kategorizzazzjoni tal-istituzzjonijiet stabbilita fil-Linji Gwida tal-EBA dwar is-SREP. Il-kategoriji differenti jirriflettu daqsijiet, strutturi u n-natura, l-ambitu u l-kumplessitajiet differenti tal-attivitajiet tal-istituzzjonijiet; bil-Kategorija 1 tikkorrispondi għall-istituzzjonijiet l-aktar sofistikati.

| **<u>Metrika u mmudellar tal-IRRBB</u>** | | **Aspettattivi superviżorji indikattivi rigward il-metrika tal-IRRBB u l-immudellar, skont il-kategorija ta' sofistikazzjoni tal-istituzzjoni** | | | |
|---|---|---|---|---|---|
| **Immudellar tal-fluss tal-flus** | **Metrika** | **Istituzzjoni tal-kategorija 4** | **Istituzzjoni tal-kategorija 3** | **Istituzzjoni tal-kategorija 2** | **Istituzzjoni tal-kategorija 1** |
| **Flussi tal-flus mhux kundizzjonali** (huwa preżunt li t-*twaqqit* tal-flussi tal-flus huwa indipendenti mix-xenarju speċifiku tar-rati tal-imgħax) | **<u>Ibbażat fuq il-qligħ</u>:** Analiżi tad-diskrepanza:<br>• Diskrepanza fl-ipprezzar mill-ġdid | Taqsimiet tal-ħin irrakkomandati fil-"Prinċipji għall-Ġestjoni u s-Superviżjoni tar-Riskju taċ-Ċaqliq fir-Rata tal-Imgħax fil-portafoll bankarju" tal-Kumitat ta' Basel dwar is-Superviżjoni Bankarja, mill-Istandards tal-BCBS ta' April 2016). | | *[Diskrepanza bbażata fuq id-daqs u l-kompożizzjoni evolventi tal-portafoll bankarju dovuti għal reazzjonijiet ta' negozju għal ambjenti differenti tar-rati tal-imgħax. Inklużi marġnijiet kummerċjali projettati li huma konsisteni max-xenarju tar-rati tal-imgħax (ara t-Taqsima 4.4, "Kejl").]** | |
| | **<u>Valur ekonomiku:</u>** Analiżi tad-durata:<br>• Durata modifikata/PV01 tal-ekwità<br>• Durata modifikata parzjalment/PV01 par zjali | Taqsimiet tal-ħin irrakkomandati fl-Istandards tal-BCBS. Applikazzjoni ta' xokkijiet standard. Mudell tal-kurva tar-rendiment b'perjodi ta' maturità li jikkorrispondu għat-taqsimiet tal-ħin. | Taqsimiet tal-ħin irrakkomandati fl-Istandards tal-BCBS, applikazzjoni ta' ponderazzjonijiet ta' durata parzjali. Applikazzjoni ta' xokkijiet standard u ta' xenarji oħra ta' xokk u ta' stress fuq ir-rati tal-imgħax (ara t-Taqsima 4.4, "Kejl"). Mudell tal-kurva tar-rendiment b'perjodi ta' maturità li jikkorrispondu għat-taqsimiet tal-ħin. | *[Durata parzjali kkomputata għal kull tip ta' strument u taqsima tal-ħin. Applikazzjoni ta' xenarji standard u ta' xenarji oħra ta' xokk u ta' stress fuq ir-rati tal-imgħax (ara t-Taqsima 4.4, "Kejl").* Mudell tal-kurva tar-rendiment b'perjodi ta' maturità li jikkorrispondu għat-taqsimiet tal-ħin.]* | *[Durata parzjali kkomputata għal kull tranżazzjoni u taqsima tal-ħin. Applikazzjoni ta' xenarji standard u ta' xenarji oħra ta' xokk u ta' stress fuq ir-rati tal-imgħax (ara t-Taqsima 4.4, "Kejl").* Mudell tal-kurva tar-rendiment b'perjodi ta' maturità li jikkorrispondu għat-taqsimiet tal-ħin.]* |

| <u>**Metrika u mmudellar tal-IRRBB**</u> | | **Aspettattivi superviżorji indikattivi rigward il-metrika tal-IRRBB u l-immudellar, skont il-kategorija ta' sofistikazzjoni tal-istituzzjoni** | | | |
|---|---|---|---|---|---|
| **Flussi tal-flus parzjalment jew kompletament kundizzjonali fuq ix-xenarju tar-rati tal-imgħax** (it-*twaqqit* tal-flussi tal-flus ta' opzjonijiet, ta' strumenti b'opzjonijiet inkorporati u espliċiti u – f'approċċi aktar sofistikati – ta' strumenti li l-maturità tagħhom tiddependi mill-imġiba tal-klijent, huwa mmudellat b'mod kundizzjonali fuq ix-xenarju tar-rati tal-imgħax) | <u>**Ibbażat fuq il-qligħ:**</u><br>• Introjtu mill-imgħax nett (NII) | Xokkijiet standard applikati għall-qligħ taħt karta tal-bilanċ kostanti. Ibbażat fuq taqsimiet tal-ħin irrakkomandati fl-Istandards tal-BCBS. | Xenarji standard u xenarji oħra ta' xokk u ta' stress fuq ir-rati tal-imgħax għall-kurva tar-rendiment (ara t-Taqsima 4.4, "Kejl") applikati għall-qligħ, li jirriflettu karta tal-bilanċ kostanti jew suppożizzjonijiet sempliċi dwar l-iżvilupp tan-negozju fil-futur. | Xenarji standard u xenarji oħra ta' xokk u ta' stress fuq ir-rati tal-imgħax għall-kurva tar-rendiment u bejn rati ewlenin tas-suq separatament (ara t-Taqsima 4.4, "Kejl") applikati għall-qligħ ipprojettat minn pjan ta' negozju jew karta tal-bilanċ kostanti. Inklużi marġnijiet kummerċjali projettati li huma konsisteni max-xenarju tar-rati tal-imgħax (ara t-Taqsima 4.4, "Kejl"). | Xenarji komprensivi ta' xokk u ta' stress fuq ir-rati tal-imgħax, li jikkombinaw iċ-ċaqliq fil-kurvi tar-rendiment ma' bidliet fil-firxiet ta' bażi u ta' kreditu, kif ukoll ma' bidliet fl-imġiba tal-klijenti, jiġu applikati għal tbassir mill-ġdid tal-volumi tan-negozju u l-qligħ sabiex titkejjel id-differenza meta mqabbel mal-pjan ta' negozju sottostanti. Inklużi marġnijiet kummerċjali projettati li huma konsisteni max-xenarju tar-rati tal-imgħax (ara t-Taqsima 4.4, "Kejl"). |

| **Metrika u mmudellar tal-IRRBB** | **Aspettattivi superviżorji indikattivi rigward il-metrika tal-IRRBB u l-immudellar, skont il-kategorija ta' sofistikazzjoni tal-istituzzjoni** | | |
|---|---|---|---|
| **Valur ekonomiku:**<br>• Valur ekonomiku tal-ekwità (EVE) | Applikazzjoni ta' xenarji standard u oħrajn ta' xokk u ta' stress fuq ir-rata tal-imgħax għall-kurva tar-rendiment (ara t-Taqsima 4.4, "Kejl"), bl-użu tat-taqsimiet tal-ħin irrakkomandati fl-Istandards tal-BCBS; perjodi ta' maturità tal-kurva tar-rendiment li jikkorrispondu għat-taqsimiet tal-ħin. | Kejl ikkomputat fuq bażi tat-tranżazzjonijiet jew tal-flussi tal-flus. Applikazzjoni ta' xenarji standard u xenarji oħra ta' xokk u ta' stress fuq ir-rati tal-imgħax għall-kurva tar-rendiment u bejn rati ewlenin tas-suq separatament (ara t-Taqsima 4.4, "Kejl"). Perjodi ta' maturità adegwati fil-kurvi tar-rendiment. Valwazzjoni sħiħa tal-opzjonalità. | Xenarji komprensivi ta' xokk u ta' stress fuq ir-rati tal-imgħax, li jikkombinaw iċ-ċaqliq fil-kurvi tar-rendiment ma' bidliet fil-firxiet ta' bażi u ta' kreditu, kif ukoll ma' bidliet fl-imġiba tal-klijenti. Perjodi ta' maturità adegwati fil-kurvi kollha tar-rendiment. Valwazzjoni sħiħa tal-opzjonalità.<br>Analiżi tax-xenarju kkomplementat minn simulazzjonijiet Monte Carlo jew storiċi fuq portafolli b'opzjonalità materjali.<br>Aġġornament ta' kuljum tal-fatturi ta' riskju. |

* Għall-istituzzjonijiet tal-Kategorija 1 u tal-Kategorija 2, approċċi mhux kundizzjonali għall-immudellar tal-fluss tal-flus ma jirriflettux l-aspettattivi superviżorji

# Anness III – Ix-xenarji standardizzati ta' xokk fuq ir-rati tal-imgħax

## 1. Xenarji ta' xokk fuq ir-rati tal-imgħax u daqsijiet tax-xokkijiet

Is-sitt xenarji ta' xokk fuq ir-rati tal-imgħax għall-kejl tal-EVE taħt it-test standard tal-eċċezzjonijiet għall-EVE huma:

(i) xokk parallel 'il fuq;

(ii) xokk parallel 'l isfel;

(iii) xokk ta' approfondiment (rati fil-qosor 'l isfel u rati fit-tul 'il fuq);

(iv) xokk ta' ċċattjar (rati fil-qosor 'il fuq u rati fit-tul 'l isfel);

(v) xokk 'il fuq fuq ir-rati fil-qosor; u

(vi) xokk 'l isfel fuq ir-rati fil-qosor.

L-istituzzjonijiet għandhom japplikaw is-sitt xenarji ta' xokk fuq ir-rati tal-imgħax li jissemmew hawn fuq biex ikopru riskji ta' diskrepanza paralleli u mhux paralleli għall-EVE. Dawn ix-xenarji huma applikati separatament għall-iskoperturi għall-IRRBB f'kull munita li fiha l-istituzzjoni jkollha pożizzjonijiet materjali[10].

Id-daqs tax-xokk għas-sitt xenarji ta' xokk fuq ir-rati tal-imgħax huwa bbażat fuq rati tal-imgħax storiċi. B'mod aktar preċiż, biex jinqabdu l-ambjent u ċ-ċiklu lokali tar-rati tal-imgħax, tintuża sensiela temporali storika mis-sena 2000 sal-2015[11] għal diversi maturitajiet biex jiġu kkalkulati x-xokkijiet paralleli qosra u twal għal munita partikolari. Madankollu, huma permessi devjazzjonijiet mill-perjodu ta' 16-il sena msemmi hawn fuq jekk dawn ikunu jirreflettu aħjar iċ-ċirkustanzi idjosinkratiċi ta' ġurisdizzjoni partikolari.

It-Tabella 1 turi l-valuri kkalkulati għax-xokkijiet paralleli qosra u twal fuq ir-rati tal-imgħax għall-muniti magħżula. Ix-xokkijiet jaqbdu l-ambjenti ekonomiċi eteroġenji fil-ġurisdizzjonijiet kollha. Dawn imbagħad jintużaw biex jiġu kkalkulati ix-xokkijiet għal maturitajiet differenti tal-kurva tar-rendiment biex jinħolqu x-xenarji ta' xokk fuq ir-rati tal-imgħax, skont il-metodoloġija spjegata hawn taħt.

Tabella 1. Daqs speċifikat tax-xokkijiet fuq ir-rati tal-imgħax $\bar{R}_{shocktype,c}$

| | ARS | AUD | BRL | CAD | CHF | CNY | EUR | GBP | HKD | IDR | INR |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Paralleli | 400 | 300 | 400 | 200 | 100 | 250 | 200 | 250 | 200 | 400 | 400 |
| Fil-qosor | 500 | 450 | 500 | 300 | 150 | 300 | 250 | 300 | 250 | 500 | 500 |
| Fit-tul | 300 | 200 | 300 | 150 | 100 | 150 | 100 | 150 | 100 | 350 | 300 |

| | JPY | KRW | MXN | RUB | SAR | SEK | SGD | TRY | USD | ZAR |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Paralleli | 100 | 300 | 400 | 400 | 200 | 200 | 150 | 400 | 200 | 400 |

[10] Pożizzjonijiet materjali huma definiti fit-Taqsima 4.5, "Test superviżorju tal-eċċezzjonijiet".

[11] L-EBA tista' tipprevedi rikalibrazzjoni fi żmien xieraq.

| | | | | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Fil-qosor | 100 | 400 | 500 | 500 | 300 | 300 | 200 | 500 | 300 | 500 |
| Fit-tul | 100 | 200 | 300 | 300 | 150 | 150 | 100 | 300 | 150 | 300 |

## 2. Kalibrar ta' muniti oħra

Għall-kalibrar tad-daqsijiet tax-xokkijiet fuq ir-rati tal-imgħax għal muniti oħra, għandu jiġi applikat il-proċediment li ġej:

*Pass 1:Kalkolu tar-rata tal-imgħax medja ta' kuljum*

Għal kull munita, iġbor sensiela temporali ta' rati tal-imgħax ta' kuljum "mingħajr riskju" fuq 16-il sena, $c$ għall-maturitajiet 3M, 6M, 1Y, 2Y, 5Y, 7Y, 10Y, 15Y u 20Y. Imbagħad, ikkalkula r-rata tal-imgħax medja ġenerali għal kull munita $c$ fl-osservazzjonijiet kollha u għall-maturitajiet kollha fis-sensiela temporali. Ir-riżultat huwa kejl uniku għal kull munita.

*Pass 2:L-applikazzjoni tal-parametri globali tax-xokkijiet*

Għal kull munita, applika l-parametri tax-xokk globali fuq ir-rata tal-imgħax medja, skont it-Tabella 2 hawn taħt $c$.

Tabella 2. Parametri globali tal-linja bażi tax-xokk fuq ir-rati tal-imgħax

| | | |
|---|---|---|
| Paralleli | $\bar{\alpha}_{parallel}$ | 60 % |
| Fil-qosor | $\bar{\alpha}_{short}$ | 85 % |
| Fit-tul | $\bar{\alpha}_{long}$ | 40 % |

L-applikazzjoni tal-parametri globali tax-xokk mit-Tabella 2 għar-rati tal-imgħax medji kkalkulati fil-Pass 1 jirriżulta f'xokkijiet riveduti fuq ir-rati tal-imgħax skont il-munita għas-segmenti differenti tal-kurva tar-rendiment, jiġifieri għax-xokkijiet paralleli, qosra u twal.

*Pass 3: L-applikazzjoni tal-livelli massimi u minimi*

Il-kalibrar propost tax-xokk fuq ir-rati tal-imgħax jista' jwassal għal xokkijiet baxxi mhux realistiċi fuq ir-rati tal-imgħax għal xi muniti, u għal xokkijiet għoljin mhux realistiċi fuq ir-rati tal-imgħax għal muniti oħra. Sabiex jiġu żgurati livell minimu ta' prudenza u kundizzjonijiet ekwi, għandhom jiġu applikati limitu minimu ta' 100 bps kif ukoll limiti massimi varjabbli ($\Delta\bar{R}_j(t_k)$) issettjati f'livell ta' 500 bps għax-xokk fil-qosor, 400 bps għax-xokk parallel u 300 bps għax-xokk fit-tul, rispettivament.

Il-bidla fir-rata tal-imgħax "mingħajr riskju" għax-xenarju ta' xokk $j$ u għall-munita $c$, f'punt nofsani tal-perjodu ta' maturità fit-taqsima tal-ħin $t_k$ tista' tiġi ddefinita bħala:

$$\left|\Delta\tilde{R}_{j,c}(t_k)\right| = \max\left\{100, \min\left\{\left|\Delta R_{j,c}(t_k)\right|, \Delta\bar{R}_j\right\}\right\},$$ [12]

fejn $\Delta\bar{R}_j = \{400, 500, 300\}$, għal $j$ = {*parallel*, *qasir* u *twil*}, rispettivament. L-applikazzjoni tal-livelli massimi u minimi għax-xokkijiet ikkalkulati fil-Pass 2, u l-arrotondament għall-eqreb 50 bps, jirriżultaw fis-sett finali ta' xokkijiet fuq ir-rati tal-imgħax skont il-munita, kif jidhru fit-Tabella 1.

*Pass 4: Aġġustamenti għal muniti oħra li ma jidhrux fit-Tabella 1*

Billi xi ġurisdizzjonijiet jistgħu jkunu esperjenzaw bidliet ekonomiċi kbar fil-perjodu bejn is-sena 2000 u l-2015, il-proċediment fil-Passi 1 sa 4 jista' ma jkunx adegwat għal xi wħud minnhom. Dan huwa partikolarment il-każ jekk ir-rati tal-imgħax matul l-ewwel snin tal-perjodu jkunu differenti ħafna mir-rati tal-imgħax fis-snin aktar reċenti.

[12] Fil-każ ta' xenarji ta' xokk rotazzjonali, $\Delta\tilde{R}_{j,c}(t_1)$ ma tistax taqbeż 500 bps, u $\Delta\tilde{R}_{j,c}(t_K)$ ma tistax taqbeż 300 bps, fejn $t_1$ tiddenota t-taqsima tal-ħin bil-maturità l-aktar baxxa u $t_K$ it-taqsima tal-ħin bl-ogħla maturità.

Għal muniti li mhumiex imsemmija fit-Tabella 1, is-sensiela temporali li għandha tintuża biex tiġi kkalkulata r-rata tal-imgħax medja skont il-Pass 1 hija ddeterminata permezz tal-prinċipju li ġej: Jekk ir-rata tal-imgħax medja kkalkulata skont il-Pass 1 għall-perjodu mis-sena 2000 sal-2006 tkun aktar minn 700 bps, allura għandha tintuża data mill-10 snin l-aktar reċenti (jiġifieri mill-2007 sal-2016) jew sa meta tkun disponibbli d-data; *inkella* għandha tintuża s-sensiela temporali sħiħa ta' data mis-sena 2000 sal-2015.

L-użu ta' dan il-prinċipju jippermettilna nidentifikaw ambjenti ta' rati tal-imgħax għoljin u perjodi ta' bidla strutturali sinifikanti qabel il-kriżi finanzjarja. Barra minn hekk, dan il-prinċipju għandu l-għan li jsib dawk il-muniti li jaqbżu l-limitu massimu (700 bps · 0.6 = 420 bps > 400 bps) fl-ewwel snin tal-perjodu meqjus u jrawwem kunsiderazzjoni aktar b'saħħitha ta' rati tal-imgħax osservati aktar reċentement.

It-Tabella 3 turi r-riżultati tal-applikazzjoni tal-Passi 1 sa 4 fuq muniti tal-UE li mhumiex koperti fit-Tabella 1. Id-daqsijiet tax-xokkijiet fuq ir-rati tal-imgħax għal muniti oħra jistgħu jinsabu b'mod simili, billi tiġi applikata l-metodoloġija deskritta f'din it-taqsima.

Tabella 3. Daqs speċifikat tax-xokkijiet fuq ir-rati tal-imgħax $\overline{\mathrm{R}}_{\mathrm{shocktype,c}}$ għal muniti oħra tal-UE

| | BGN | CZK | DKK | HRK | HUF | PLN | RON |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Paralleli | 250 | 200 | 200 | 250 | 300 | 250 | 350 |
| Fil-qosor | 350 | 250 | 250 | 400 | 450 | 350 | 500 |
| Fit-tul | 150 | 100 | 150 | 200 | 200 | 150 | 250 |

# 3. Parametrizzazzjoni tax-xenarji standardizzati ta' xokk fuq ir-rati tal-imgħax

Mogħtija għal kull munita *c* id-daqs speċifikat tax-xokkijiet istantanji paralleli, qosra u twal fuq ir-rata tal-imgħax "mingħajr riskju", għandhom jiġu applikati l-parametrizzazzjonijiet li ġejjin tas-sitt xenarji ta' xokk fuq ir-rati tal-imgħax:

(i) *Xokk parallel għall-munita c*: Xokk parallel kostanti 'l fuq jew 'l isfel fit-taqsimiet tal-ħin kollha:

$$\Delta R_{parallel,c}(t_k) = \pm\, \bar{R}_{parallel,c}$$

(ii) *Xokk fuq ir-rata fil-qosor għall-munita c*: Xokk 'il fuq jew 'l isfel li jkun l-aktar qawwi fl-iqsar punt nofsani tal-perjodu ta' maturità. Dak ix-xokk, permezz tax-"shaping scalar" $S_{short}(t_k) = e^{\frac{-t_k}{x}}$, fejn $x = 4$, jonqos gradwalment lejn iż-żero fil-perjodu ta' maturità tal-itwal punt fuq l-istruttura tat-terminu[13]. Fejn $t_k$ huwa l-punt nofsani (fil-ħin) tat-taqsima *k* u $t_K$ huwa l-punt nofsani (fil-ħin) tal-aħħar taqsima $K$):

$$\Delta R_{short,c}(t_k) = \pm\, \bar{R}_{short,c} \cdot S_{short}(t_k) = \pm\, \bar{R}_{short,c} \cdot e^{\frac{-t_k}{x}}$$

(iii) *Xokk fuq ir-rata fit-tul għall-munita c*: Dan ix-xokk jiġi applikat biss għal xokkijiet tar-rotazzjoni. Ix-xokk huwa l-akbar fl-itwal punt nofsani tal-perjodu ta' maturità u huwa relatat mal-iqsar fattur ta' gradazzjoni billi $S_{long}(t_k) = 1 - S_{short}(t_k)$:

[13] Il-valur ta' $x$ fid-denominatur tal-funzjoni $e^{\frac{-t_k}{x}}$ jikkontrolla r-rata ta' tnaqqis tax-xokk.

$$\Delta R_{long,c}(t_k) = \pm \bar{R}_{long,c} \cdot S_{long}(t_k) = \pm \bar{R}_{long,c} \cdot \left(1 - e^{\frac{-t_k}{x}}\right)$$

(iv) *Xokkijiet tar-rotazzjoni għall-munita c*: Involviment ta' rotazzjonijiet għall-istruttura tat-terminu (jiġifieri għall-*elementi li japprofondixxu* u għall-*elementi li jiċċattjaw*) tar-rati tal-imgħax, fejn kemm ir-rati twal kif ukoll dawk qosra jingħataw xokk u ċ-ċaqliq fir-rati tal-imgħax f'kull punt nofsani tal-perjodu ta' maturità jinkiseb permezz tal-applikazzjoni tal-formoli li ġejjin għal dawk ix-xokkijiet:

$$\Delta R_{steepener,c}(t_k) = -\ 0.65 \cdot |\ \Delta R_{short,c}(t_k)\ | + 0.9 \cdot |\ \Delta R_{long,c}(t_k)\ |;$$

$$\Delta R_{flattener,c}(t_k) = +0.8 \cdot |\ \Delta R_{short,c}(t_k)\ | - 0.6 \cdot |\ \Delta R_{long,c}(t_k)\ |.$$

*Eżempji:*

*Xokk fuq ir-rati fil-qosor*: Assumi li l-bank juża $K = 19$ meded ta' żmien u $t_K$ = 25 sena (il-punt nofsani (fil-ħin) tal-itwall taqsima tal-perjodu ta' maturità $K$), fejn $t_k$ huwa l-punt nofsani (fil-ħin) għat-taqsima k. Għal $k = 10$ b'$t_k$ = 3.5 snin, l-aġġustament ta' gradazzjoni għax-xokk qasir ikun: $S_{short}(t_k) = e^{\frac{-3.5}{4}}$ = 0.417. Il-banek jimmultiplikaw dan bil-valur tax-xokk qasir għar-rata biex jiksbu l-ammont li jrid jingħadd jew jitnaqqas mill-kurva tar-rendiment fil-punt tal-perjodu ta' maturità. Jekk ix-xokk qasir għar-rata kien ta' +250 bps, iż-żieda fil-kurva tar-rendiment f'$t_k$ = 3.5 snin tkun ta' 104.2 bps.

*Element li japprofondixxi:* Assumi l-istess punt fuq il-kurva tar-rendiment bħal hawn fuq, $t_k$ = 3.5 snin. Jekk il-valur assolut tax-xokk qasir fuq ir-rata kien ta' 250 bps u l-valur assolut tax-xokk twil fuq ir-rata kien ta' 100 bps (bħal ma kien għall-euro), allura l-bidla fil-kurva tar-rendiment f'$t_k$ = 3.5 snin tkun it-total tal-effett tax-xokk qasir fuq ir-rata u l-effett tax-xokk twil fuq ir-rata f'punti bażi:$-\ 0.65 \cdot\ 250\text{ bps}\ \cdot 0.417 + 0.9 \cdot\ 100\text{ bps}\ \cdot (1 - 0.417) =\ -15.3\text{ bps}$.

*Element li jiċċattja:* Il-bidla korrispondenti fil-kurva tar-rendiment għax-xokkijiet fl-eżempju ta' hawn fuq f'$t_k$ = 3.5 snin kieku tkun: $+\ 0.8 \cdot\ 250\text{ bps}\ \cdot 0.417 - 0.6 \cdot\ 100\text{ bps}\ \cdot (1 - 0.417) =\ 48.4\text{ bps}$.